# “Ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej”

*(Lq 2:22)*



*Sussidju teoloġiku-liturġiku-pastorali għall-Avvent*

*Djoċesi ta’ Għawdex (2009)*

# KELMTEJN QABEL

Fis-Sena għas-Saċerdoti, iddedikata mill-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni tal-150 sena mill-mewt tal-Kurat ta' Ars, xtaqna li s-Sussidju għall-Avvent ta' din is-sena jkun fih "lemħa saċerdotali".

Filfatt it-tema ġenerali tas-sussidju — "Ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej" —, barra li hi ġrajja marbuta mar-rakkonti tat-twelid ta' Ġesù, tippreżentalna l-ewwel daħla ta' Ġesù fit-Tempju: l-offerta tiegħu nnifsu lill-Missier li mbagħad tiġi kkonsagrata fuq l-altar tas-Salib. F'dan il-kuntest wieħed jista' jilmaħ lil Ġesù fl-aspett tiegħu ta' vittma u saċerdot, ġrajja li sseħħ kuljum minn idejn is-saċerdot permezz tas-Sagrifiċċju tal-Quddiesa.

Fl-ewwel taqsima tas-sussidju wieħed jiltaqa' ma' tliet artikli marbuta mas-saċerdozju Bibliku, biex jgħinuna fir-riflessjoni tagħna fuq is-saċerdozju ta' Kristu u s-saċerdozju tal-Knisja Kattolika.

Bħas-snin ta' qabel is-sussidju joffri għajnuna għall-omelija. Wieħed isib ukoll skema ta' Novena tal-Milied, b'rabta mal-familja. Hemm ukoll ċelebrazzjonijiet għat-tfal u għall-adoloxxenti.

L-ikona li qed nużaw hi tas-seklu ħmistax, u hi xogħol tal-iskola ta' Novgorod. Tirrakkonta l-ġrajja ta' Lq 2:22-39, u tesprimi l-laqgħa bejn Ġesù u Xmun. Fin-nofs hemm Marija, li qed tippreżenta lil Ġesù lil Xmun. Jidhru wkoll Anna u San Ġużepp, li jġorr żewġ ħamimiet. Fuq in-naħa ta' wara tidher knisja, u quddiemha altar taħt baldakkin, magħqud mat-turġien li fuqhom qiegħed Xmun. L-ordni tal-prospettiva hu maqlub, biex wieħed jinduna li qiegħed f'post qaddis. Fuq in-naħa tax-xellug jidher ċiborju taħt drapp aħmar li jgħaqqdu mal-bini: it-Tempju (ċiborju) u l-knisja huma t-tnejn mgħottija mill-ħniena ta' Alla.

Nawguraw li dan is-sussidju jkun utli fil-mixja tagħna tal-Avvent, u biex bħala Knisja nagħrfu l-missjoni u l-ministeru tas-Saċerdot li fit-"tempju" joffri lil Kristu lill-ġemgħa tal-fidili u fl-istess waqt joffri lilu nnifsu flimkien mal-ġemgħa lil Kristu.

# 1. IS-SAĊERDOZJU TAT-TESTMENT IL-QADIM

Fil-qalba tal-Ġudaiżmu, u b'mod speċjali fil-qalba tat-Testment il-Qadim, fost id-diversi għaqdiet soċjali u reliġjużi kien hemm ukoll dik tal-qassisin. Waħda mill-kundizzjonijiet biex tasal sa dan il-grad hekk stmat u għoli riedet tkun bilfors li tkun ġej mir-razza jew kasta ta' Aaron, biex hekk il-qassis ikollu d-dritt u d-dmir għal uffiċċju li jorbot miegħu. Imma matul iż-żmien din it-talba tbiddlet ukoll, għaliex daħal fin-nofs Melkisedek. Hu uffiċċju ta' responsabbiltà l-aktar kbira dak tat-tagħlim kif ukoll dak tas-sagrifiċċji lil Alla. F'dan l-artiklu sa naraw xi tagħrif fuq is-saċerdoti, it-taqsimiet tagħhom, ix-xogħol prinċipali tagħhom, kemm dak fit-Tempju u kemm dak soċjali, id-dħul li bih kienu jgħixu u l-bqija.

## Taqsimiet u numru

Xejn ma kienet ħaġa faċli li wieħed jidħol fix-xirka tal-qassisin, u dan għaliex kien hemm jeżistu żewġ kundizzjonijiet l-aktar stretti fuqhom. L-ewwel — iż-żagħżugħ ried bilfors ikun **ġej mir-razza ta' Aaron.** "Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu: 'Kellem lill-qassisin, ulied Aaron, u għidilhom…" (Lev 21:1). It-tieni — l-ebda kandidat ma seta' jkollu xi **difett fil-fiżiku tiegħu.** Fost dawn id-difetti l-Levitiku jsemmi dawn: agħma, zopp, wiċċu sfigurat, għaġeb, ħotbi, b'mard tal-ġilda, bil-ħakk (Lev 21:16-21).

Dan kien isir biex juru kemm dawk kollha li kellhom jersqu biex jagħtu s-servizz lill-altar kellhom ikunu integri f'ġisimhom ukoll. Għax Alla jixraqlu dak kollu li huwa sabiħ, nadif u integru.

Wara li nbena t-Tempju u beda juffunzjona bis-sagrifiċċji ta' kuljum, flimkien mal-festi prinċipali nsibu li kien hemm jeżistu **erbgħa u għoxrin taqsima** ta' qassisin. Kull taqsima kienet iddum fis-servizz tat-Tempju għal ġimagħtejn. Mela dan ifisser li għal 48 ġimgħa s-servizz tat-Tempju dejjem kellu l-qassisin disponibbli. Ma' dawn il-ġimgħat imbagħad wieħed irid iżid l-erba' festi prinċipali tal-Lhud. Dawn huma tal-Għid, ta' Għid il-Ħamsin jew tal-Ġimgħat, tal-Maħfra tad-dnubiet jew tal-Espjazzjoni, u tal-Għerejjex. **Għal dawn il-festi l-qassisin kollha kienu obbligati** li jkunu preżenti fil-maqdes ta' Ġerusalemm. Hekk allura matul is-sena kollha fit-Tempju kien ikun hemm numru ta' qassisin biex is-servizz isir bid-dinjità li tixraqlu.

Ta' interess partikulari huwa l-fatt ta' kemm kien jgħodd in-numru tas-saċerdoti. Fl-ittra tal-Psewdo-Aristea, miktuba fl-aħħar snin tat-tieni seklu qabel Kristu, l-awtur jgħid li meta huwa għamel titwila fit-Tempju ta' Ġerusalemm sab **madwar 700 qassis jagħti s-servizz tiegħu**. Ma' dawn kien hemm oħrajn li kellhom joffru d-debħiet tagħhom. Dan allura jfisser li dawn kienu dawk il-qassisin li jmisshom xogħol matul dawn il-ġimagħtejn. Issa ma' dan in-numru wieħed irid iżid ukoll dak tal-Leviti.

## Jum fit-Tempju

It-trattat *Tamid* jiddeskrivi l-liturġija ta' kuljum, jiġifieri dik ta' filgħodu u ta' filgħaxija, li ssir fit-Tempju. "Dan hu li għandek toffri għal dejjem fuq l-altar: żewġt iħrief ta' sena kuljum, ħaruf filgħodu u ieħor filgħaxija" (Eż 29:38). Mat-tbexbix ta' filgħodu, kmieni kemm jista' jkun, il-qassisin jiġu mqajma minn dak ir-raġel

responsabbli għal dan ix-xogħol. Jieħdu l-banjijiet ritwali, u mbagħad dak li **jitla' bix-xorti** għandu jnaddaf l-altar tal-offerti u wara jiftaħ il-bieb tat-Tempju.

Imbagħad il-qassisin ta' dik it-taqsima jtellgħu x-xorti biex jaraw min kellu joqtol il-ħaruf, min kellu jroxx id-demm fuq l-altar, min kellu jnaddaf l-altar tal-inċens, min kellu jidħol joffri l-inċens, u min jixgħel il-kandelabru b'seba' friegħi, il-*menorah*. L-evanġelista Luqa huwa ċar ħafna fuq dan fil-każ tal-qassis Żakkarija: "Mela ġara li Żakkarija kien qiegħed jaqdi dmiru ta' qassis quddiem Alla, għax kien imissha t-taqsima tiegħu, u skond id-drawwa tal-liturġija **ntgħażel hu bix-xorti** biex jidħol ġewwa fis-santwarju tal-Mulej ħalli jaħraq l-inċens" (Lq 1:9). Din il-biċċa tax-xorti kienet issir ta' kuljum, dejjem fost il-qassisin.

Mela l-ġurnata tibda billi s-saċerdot joffri ħaruf sħiħ olokawst 'l Alla b'radd il-ħajr għax għadda l-lejl u sa tibda ġurnata oħra. Filgħaxija qassis ieħor jerġa' joffri ħaruf ieħor biex irodd ħajr 'l Alla talli għaddiet ġurnata oħra, u jitolbu serħan sħiħ matul il-lejl. Dawn iż-żewġ debħiet il-qassis bilfors ried **joffrihom ta' kuljum, mingħajr ebda eċċezzjoni**. L-ispejjeż għal dawn il-ħrief kienu jitħallsu mit-teżor tat-Tempju, flus li kienu jixħtu n-nies matul is-sena. Hekk kif jispiċċa n-nies preżenti jibdew joffru d-debħiet tagħhom. Dawn ikunu debħiet ta' tpattija, ta' radd il-ħajr, olokawsti u dawk tal-ħxejjex. Dawn is-sagrifiċċi dejjem joffrihom il-qassis u qatt l-individwu partikulari, avolja l-vittma jkun ġabha hu. Ftakar f'dak li għamel is-sultan Sawl, jiġifieri meta offra d-debħiet hu, meta dan ix-xogħol kien imiss lill-profeta Samwel (ara 1 Sam 13:10-15).

**Id-dħul tal-qassisin**

It-Tempju ta' Ġerusalemm ma jidhirx li kellu dħul kbir ħafna bħal dak tal-Mesopotamja u tal-Eġittu. Il-maqdes kien tal-istat ta' Israel, u għalhekk ftit jew wisq is-sultan kien responsabbli kemm mill-ispejjeż ordinarji tal-kult u kemm mill-manutenzjoni tiegħu. Imma ma hemm ebda indikazzjoni li s-sultan kien responsabbli wkoll għall-għixien tal-qassisin.

Hija regola ġenerali ħafna li l-qassisin, għax jaħdmu mal-altar, jgħixu mill-altar. Il-qassisin, għalhekk, kellhom **parti mill-offerta li jissagrifikaw 'l Alla**; b'eċċezzjoni tas-sagrifiċċju olokawst, li kellu jiġi maħruq kollu kemm hu 'l Alla. Fuq xi kwalità ta' debħa kienet issir fuq l-altar, din kienet dejjem tiddependi minn min joffriha.

F'Dewteronomju 18:1-5 hemm l-hekk imsejħa liġi tal-qassisin li tgħid liema kienu l-partijiet mill-bhejjem li jmissu bi dritt lill-qassisin. Anki Levitiku 6-7 jgħid bi preċiżjoni liema partijiet imissu lill-qassisin li joffru dawn id-debħiet: "Imbagħad il-qassis jaħraq ix-xaħam fuq l-altar, u s-sidra tibqa' għal Aaron u wliedu. Tagħtu wkoll is-sieq il-leminija bħala kontribuzzjoni lill-qassisin mill-vittmi tagħkom tas-sliem".

Dan m'hux biżżejjed, għaliex kien hemm ukoll l-aħjar fost il-qamħ, l-inbid u ż-żejt. Minn dawn ukoll il-qassisin li kienu fit-taqsima kien imisshom parti. Dħul ieħor li kellhom sehem minnu l-qassisin kien **mill-ġlud tal-annimali għall-offerti.** Dan ifisser li wara li l-annimali jiġu mqaxxrin, jiġbru l-ġild imnixxef u jbigħuh. Hekk kienu jdaħħlu xi flus għalihom. Ma' dan imbagħad ta' min isemmi l-liġi tal-għexur: jiġifieri l-Lhud kellhom l-obbligu li jiġu jonfqu Ġerusalemm waħda mill-għaxra ta' dak li jdaħħlu.

Iżda dan li qegħdin ngħidu jgħodd għal dawk il-qassisin li kienu fit-taqsima tat-Tempju, mela għal ġimgħa jew tnejn. U matul il-bqija taż-żmien tas-sena x'kienu jagħmlu għall-għixien tagħhom? Bosta minnhom kellhom jaħdmu xogħol manwali jew inkella jagħmlu funzjoni ta' skriba. Dan allura jista' jfisser li l-qassisin kienu jgħixu ħajja ta' faqar.

Ġieli imma xi wħud minnhom kienu anki jagħmlu xogħol li kien jaqbel ħafna mal-kundizzjoni saċerdotali tagħhom. Hekk, ngħidu aħna, il-poplu kien imur jistaqsihom fuq il-mard tal-ġdiem (ara Mt 8:4). F'waħda mill-btieħi ta' barra tat-Tempju kien hemm għorfa apposta, fejn ikun hemm il-qassis biex min ikun marid u jfiq imur quddiem il-qassis, ħalli dan jiddikjarah imnaddaf jew le. Naturalment xi ħaġa bħala rikompens il-qassis kien idaħħal ukoll. Hawn wieħed għandu jiftakar x'jgħid id-Dewteronomju: "Il-qassisin Leviti, it-tribù kollu ta' Levi, ma jkollhomx sehem u wirt mal-poplu ta' Israel; jgħixu mis-sagrifiċċji u l-wirt tal-Mulej" (Dewt 18:1). Bosta snin wara San Pawl jerġa' jsaħħaħ din il-prassi billi jikteb: **"Ma tafux li min iservi fit-Tempju jiekol mit-Tempju, u dawk li jservu l-altar jaqsmu mal-altar?"** (1 Kor 9:13).

Fost il-privileġġi — dejjem jekk nistgħu nsejħulhom hekk — li kellhom il-qassisin matul il-ġimagħtejn li jkunu fis-servizz fit-Tempju, kien hemm li jmisshom bi dritt li jieħdu biex jieklu mill-Ħobż tal-Preżenza. Fil-parti tan-nofs tat-Tempju ta' Ġerusalemm fost l-oħrajn kien hemm mejda bi tnax-il ħobża tal-wiri. Kull ħobża kienet tippreżenta tribù. Kull tmint ijiem il-ħobż kien jinbidel u floku jitqiegħdu tnax-il ħobża oħra. Issa dan il-ħobż, naturalment xi ftit iebes ukoll, kienu jiekluh il-qassisin. Kien ħobż qaddis, ħobż ta' rispett, allura kien jixraq li jieħduh biex jieklu l-qassisin. Din ukoll kienet xi forma oħra fqira ta' dħul li kellhom il-qassisin.

**Minn Aaron għal Melkisedek**

Matul il-mixja tas-snin is-saċerdozju ħa direzzjoni oħra lejn fejn kienet il-mixja tiegħu, tant li minflok min ikun ġej mill-familja ta' Aaron issa qabeż fin-nofs Melkisedek. Diġà fis-Salm 110:4 naqraw: "Ħalef il-Mulej u ma jisgħobbx bih: 'Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek'".

**Imma ħalli naraw xi raġunijiet għal din il-mixja:**

(a) Is-saċerdozju ta' Aaron kien karnali (tal-ġisem), temporali, mela għal xi żmien definit, suċċessiv u jispiċċa mal-mewt. Dak ta' Melkisedek, bħala simbolu ta' Kristu, kien etern, mhux karnali, u ma jispiċċax.

(b) Is-saċerdozju Levitiku, mela ta' Aaron, liturġikament kien imniġġes, tant li kellu joffri debħiet għal dnubietu stess. Meta jmut jispiċċa mill-ministeru tiegħu. Melkisedek kien etern. Dan l-aspett tas-saċerdozju huwa mfisser bi kliem simboliku fil-Bibbja. "Hu jidher bla missier, bla omm, bla nisel, qisu la għandu bidu u anqas tmiem ta' ħajtu. Imma biex ikun jixbah lill-Iben ta' Alla, jibqa' qassis għal dejjem" (Lhud 7:3). Il-fatt li m'hemm ebda riferenza għal antenati ta' Melkisedek huwa mod ta' kif il-Bibbja tippreżenta l-figura ta' Melkisedek bħala **prototip ta' Kristu**.

(c) Raġuni oħra għaliex Ġesù rabat miegħu s-saċerdozju skond l-ordni ta' Melkisedek hi għax Kristu rabat u ħa miegħu kemm is-Saltna u kemm is-saċerdozju. "U Melkisedek, sulatn ta' Salem, u li kien qassis ta' El-Għeljon…" (Ġen 14:18). Li

Kristu huwa sultan tas-sliem jidher sew minn diversi testi oħra. "U bid-demm tiegħu mxerred fuq is-salib ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-Sema u fl-art" (Kol 1:20).

Mela dak li nbeda fit-Testment il-Qadim ukoll fuq is-saċerodozju sab it-tifsira sħiħa u kompluta tiegħu fis-saċerdozju ta' Kristu.

# 2. IS-SAĊERDOZJU TA' KRISTU FL-ITTRA LIL-LHUD

### *Introduzzjoni*

Fit-Testment il-Ġdid Ġesù jsejjaħ lilu nnifsu b'diversi metafori, fosthom "*il-Bieb*", "*id-Dawl*", "*il-Ħajja*" u oħrajn, kif ukoll titli oħra bħal "*Bin il-Bniedem*", imma qatt ma jsejjaħ lilu nnifsu bħala "il-Qassis". Infatti Ġesù ma kienx saċerdot għax hu ma kienx ġej mit-tribù ta' Levi jew mill-familja ta' Aron li magħhom kienet marbuta d-dinjità tas-saċerdozju tal-Antik Testment. Il-ministeru tiegħu kien aktar jixbah lil dak ta' profeta. Difatti nsibu ħafna riferenzi li juru r-rwol profetiku ta' Kristu għax kien jgħallem (Mt.7:29; Mk.1:22), u għalhekk kien meqjus bħala "*profeta*" (Mt.21:11; Mt.16:13f; Ġw.4:19; ukoll Mk.8:28 u paral.; Lq.4:24).

### *Ġesù Messija u l-missjoni tiegħu*

Ġesù kien konxju li hu l-messija, tama realizzata fil-persuna tiegħu. Marbuta ma' din it-tama messjanika, hemm is-saċerdozju, kif espress fis-Salm 110, li juri l-Messija bħala sultan u qassis rebbieħ (v.4: "*Melkisedek*" kien sultan u qassis tip tal-Messija), u Ġesù jinterpreta dan is-salm f'sens messjaniku u japplikah għalih innifsu (Mt.22:42-45; Mk.12:35-37; Lq.20:41-44; jew ġie applikat għalih: At.2:34-35; 1Kor.15:25; Lh.1:13). L-idea ta' persuna bħala sultan u qassis b'konnessjonijiet messjaniċi għandha storja antika u twila li tibqa' sejra saż-żminijiet post-eżiliċi: hekk fi żmien il-profeta Żakkarija (6:9-14), il-Makkabej (ara 1Mak.9:30 u 10:21 rigward Ġonatan; 1Mak.14:41 rigward Xmun), u mbagħad tispiċċa f'żewġ persuni distinti, qassis u sultan, bħala midlukin, jiġifieri żewġ messiji kif juru t-testi mill-komunità ta' Qumran (1QS 9:11).

Il-vanġeli jgħidulna wkoll li meta Ġesù kien Ġerusalemm hu żar diversi drabi t-tempju u kien iqisu bħala "*dar Missieri*" (Ġw.2:16). Iżda ma jidhirx tant qrib l-ambjent saċerdotali u qisu jirrelativizza l-invjolabilità tas-sagru (Mk.2:25f u paral.). Għalkemm xi drabi, bħall-profeti tal-imgħoddi, kien kritiku lejn ir-ritwaliżmu kultwali (Mk.7:6-7; 12:33; Mt.9:13) u l-qassisin (Lq.10:30f), però hu kien jirrispetta l-liġijiet marbuta mat-tempju u l-kult reliġjuż (Lq.17:14). Iżda jistqarr li t-tempju u l-kult jiġu fi tmiemhom (ara Mt.26:61 u paral.; Ġw.2:19), anzi jqis lilu nnifsu bħala "*aqwa mit-tempju*" (Mt.12:6). Fuq kollox Ġesù jinterpreta l-missjoni tiegħu, li tilħaq il-qofol tagħha filli "*jagħti ħajtu*", bħala sagrifiċċju "*b'fidwa għall-kotra*" (Mk.10:45), u kif juru l-kelmiet marbuta mal-ħobż u l-inbid fl-aħħar Ċena, bih issiġilla l-patt il-ġdid (Mt.26:26-29; Mk.14:22-24; Lq.22:19-20; 1Kor.11:23-25).

### *Diffikultà għal-lingwaġġ saċerdotali*

Wieħed mill-argumenti li jinġieb kontra l-attribuzzjoni tal-ittra lil-Lhud bħala miktuba minn Pawlu, minbarra l-istil u l-personalità moħbija tal-awtur ħdejn dik li s-soltu tidher bħala qawwija fl-ittri tal-Appostlu, hu li Pawlu qatt ma jitkellem mis-saċerdozju u mis-saċerdoti jew minn Kristu bħala l-qassis il-kbir. Il-knisja tal-bidu ma kienitx tuża termini saċerdotali għal dawk li kellhom responsabiltà fil-komunità ekkleżjali, imma termini meħudin mill-ħajja ta' kuljum: appostli, profeti, għalliema (1Kor.12:28; Ef.2:20; At.13:1), presbiteri (At.20:17; 1Tim.5:17; Tit.1:5), isqfijiet (1Tim.3; Tit.1:7), djakni (At.6:1f; Filip.1:1), mexxejja (Lh.13:7,17,24).

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-mewt ta' Ġesù, għalkemm aħna nqisuha bħala sagrifiċċju, però kien diffiċli tqabbilha mas-sagrifiċċju l-antik. Il-mewt seħħet barra l-belt il-qaddisa mingħajr rabta ma' xi funzjoni liturġika jew bħala xi att ta' glorja lil Alla, imma kienet bħala kundanna għall-kruċifissjoni bħall-kriminali għad-dagħwa (Mt.26:65 u paral.). Il-komunità Kristjana tal-bidu kienet tirreferi għall-mewt ta' Ġesù mhux tant f'termini sagrifikali (ara Rum.3:25: espjazzjoni), imma eżistenzjali (1Tes.5:10: "*...li miet għalina*"; Gal.2:20: "*ta lilu nnifsu għalija*") jew ġuridiko-soċjali bħall-fidwa ta' lsir (Rum.3:24; 8:23), ħelsien (2Kor.3:17; Gal.5:1), rikonċiljazzjoni (Rum.5:10-11) u ġustifikazzjoni (ara Rum. u Gal.).

Irridu nsemmu wkoll li fil-proċess għall-kundanna ta' Ġesù, il-qassis il-kbir u l-qassisin il-kbar, jiġifieri l-ogħla awtorità reliġjuża, kellhom sehem kruċjali. Fil-Vanġeli Sinottiċi l-qassisin il-kbar jissemmew biss fir-rakkont tal-passjoni, xi drabi weħidhom u drabi oħra ma' oħrajn, max-xjuħ u l-kittieba u għalhekk kellhom responsabiltà akbar. Imma l-mument l-aktar drammatiku kien quddiem il-kunsill tas-Sinedriju, meta l-qassis il-kbir sema' minn fomm Ġesù l-istqarrija messjanika u divina tiegħu, u filwaqt li ċarrat l-ilbies ta' fuqu, qiesha bħala dagħwa u lkoll qatgħuhielu għall-mewt (Mk.14:53f; ara wkoll il-ġudizzju ta' Anna: Ġw.11:49).

## *Lejn lingwaġġ saċerdotali*

Dan kollu li semmejna kellu ċertament reazzjoni li ħalliet impatt biex il-lingwaġġ saċerdotali fil-predikazzjoni u l-kitbiet tal-knisja tal-bidu jkun qisu mwarrab. Iżda fl-ittra lil-Lhud insibu bħala tema ewlenija s-saċerdozju ta' Kristu. Dan il-fatt seta' kellu diversi raġunijiet.

L-ewwelnett l-Insara baqgħu jmorru fit-tempju jitolbu (At.2:46; 3:1), jgħallmu (At.5:21) u jagħmlu l-offerti (At.2:26f). Wieħed jistenna li din ir-rabta tkompli peress li l-kotra tal-ewwel Insara kienu minn fost il-Lhud u ma kienx għad hemm qtugħ li seħħ biss ħafna aktar tard.

Ħaġa oħra importanti li rridu nsemmu hi l-fatt li għad mhux żgħir ta' qassisin Lhud f'Ġerusalemm kienu kkonvertew għall-fidi (At.6:7). Minkejja l-fidi fi Kristu, dan seta' wassal biex ikun hemm xi element li mmatura biex jinterpreta fid-dawl ta' din il-fidi ġdida fi Kristu, dak li issa kien sar antik u aktar tard barra mill-użu (wara s-sena 70 A.D.), jiġifieri t-tempju, is-saċerdozju Levitiku u s-sagrifiċċju ritwali.

## *It-tema ewlenija tal-Ittra lil-Lhud*

Bis-saħħa tal-ittra lil-Lhud minn awtur mhux magħruf, li bi probabiltà kbira kien midħla sew tal-ambjent kultwali, li jinkludi t-tempju, is-saċerdozju u s-sagrifiċċju, għandna teoloġija kompleta dwar is-saċerdozju ta' Kristu. Fost il-kittieba tat-Testment il-Ġdid hu biss jagħti dan it-titlu lil Kristu. Dan ifisser li d-dimensjoni saċerdotali ta' Kristu hi mfissra b'lingwaġġ saċerdotali fit-Testment il-Ġdid u dan f'xebħ mal-Antik Testment, imma fl-istess waqt juri d-differenza u s-superjorità għalih.

Dan il-kunċett però mhuwiex oriġinali fil-ħsieb tal-awtur tal-ittra lil-Lhud, imma għandu l-għeruq fl-interpretazzjoni li Ġesù jagħti fl-aħħar ikla dwar il-ħobż: "*ġismi li jingħata għalikom*", u dwar l-inbid: "*il-patt il-ġdid b'demmi*" (1Kor.11:24-25 u paral.), u "*...li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet*" (Mt.26:28 u paral.). Dan hu s-sagrifiċċju li Ġesù jagħmel b'ħajtu stess u jwaqqaf patt ġdid.

Insibu kittieba oħra tat-Testment il-Ġdid, barra dan l-awtur tal-ittra lil-Lhud, li jħarsu lejn il-mewt ta' Ġesù mill-aspett ta' sagrifiċċju, li b'mod impliċitu jimplikaw l-idea tas-saċerdozju tiegħu. Hekk Pawlu jara l-mewt ta' Ġesù bħala "*tpattija għall-maħfra tad-dnubiet*" (Rum.3:25, f'rabta ma' Jum il-Maħfra), bħala "*vittma għad-dnub*" (Rum.8:3, f'rabta mal-offerta għad-dnubiet) jew bħala "*il-Ħaruf tal-Għid*" (1Kor.5:7 f'rabta mal-Għid tal-Lhud). Pawlu jitkellem ukoll mill-ħbiberija tal-bniedem ma' Alla permezz ta' Kristu (2Kor.5:18-19). Ġesù hu l-uniku medjatur (1Tim.2:5) li "*jidħol għalina*" (Rum.8:34; ara Lh.7:25) u dan jagħmlu billi jagħti ħajtu b'imħabba għalina (Gal.2:20; Ef.5:2). Ideat simili nsibuhom ukoll fl-ewwel ittra ta' Pietru: Kristu, il-ħaruf sagrifikali bla tebgħa li jxerred demmu (1:2,18-19), hu stess jieħu l-ġisem tiegħu "*sa fuq is-salib*" (2:24; ara Lh.9:28), u jmut għal dnubietna u permezz tiegħu nersqu lejn Alla (3:18; Rum.5:2; Ef.2:18; 3:12). Anke fil-kitbiet Ġovannej insibu l-idea li l-bnedmin huma mnaddfa mid-dnub bid-demm u l-mewt ta' Kristu bħala tpattija (Ġw.1:29; 1Ġw.1:7; 2:2; 4:10; Apok.1:5; 5:9; 7:14; 12:11). Ġwanni jagħmel emfasi li hu jagħti ħajtu minn rajh (Ġw.10:18). Fl-Apokalissi għandna wkoll id-dehra ta' Bin il-Bniedem f'nofs is-seba' kandelabri, "*b'sidru mħażżem bi ħżiem tad-deheb*" (1:13), jiġifieri bl-ilbies saċerdotali.

### *L-elementi vetero-testamentarji għall-kunċett ta' Kristu Saċerdot*

X'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-awtur għal dan il-kunċett ta' Kristu bħala l-qassis il-kbir?

L-ewwelnett l-awtur baqa' ferm impressjonat bl-ubbidjenza, bil-mogħdrija u l-fedeltà lejn is-sejħa divina li Kristu wera fil-ħajja u l-mewt tiegħu fid-dawl tal-eżaltazzjoni tiegħu (1:3; 4:14; 8:1). Għalkemm l-eżaltazzjoni timplika bilfors il-konvinzjoni fil-qawmien, li fl-ittra hu msemmi darba biss f'13:20, id-diskors kollu hu ċċentrat fuq l-immaġni tal-qassis il-kbir li joffri s-sagrifiċċju fis-santwarju li hi applikata għal Kristu.

L-awtur ikompli jesponi din il-verità dwar Kristu bħala l-qassis il-kbir fid-dawl tar-rivelazzjoni tal-Antik Testment permezz ta' ċitazzjonijiet u allużjonijiet, b'mod partikulari bil-figura ta' Melkisedek (Ġen.14:18-20; ara Lh.7). Il-ġrajja ta' Melkisedek tifforma l-bażi għat-test tas-Salm 110:4: "*Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek*", li hu kkwotat mill-ittra diversi drabi: 5:6,10; 6:20; 7:1f. Meta hu jikkwota t-testi dwar Melkisedek, il-ħsieb tiegħu mhuwiex tant li jgħolli l-figura ta' Melkisedek, imma filwaqt li jirreferi għall-karattru saċerdotali, hu qed jgħolli lil Kristu stess. Jekk is-saċerdozju ta' Melkisedek hu ogħla mis-saċerdozju Levitiku, mela anke s-saċerdozju ta' Kristu hu ogħla minnu wkoll (7:1-28).

Meta l-awtur jitkellem minn patt jew testment (8:6f; 9:15f), huwa jqiegħed l-immaġni tal-qassis il-kbir fil-kuntest storiku tal-kult. Il-profeti spiss kienu jikkritikaw il-kult b'mod partikulari l-aspett estern tiegħu (Ġer.31:31f; Sl.40:6-9; ara Lh.10), b'emfasi aktar lejn l-ispirtu intern fit-twettiq tar-rieda ta' Alla u bħala konsegwenza tinkiseb il-maħfra. L-għemejjel esterni tal-kult għandhom ikunu espressjoni ta' qalb ubbidjenti lejn Alla. L-awtur japplika Sl.40:7 ("*Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti...*") għal Kristu li obda 'l-Missier b'mod l-aktar perfett (Lh.10:5-7).

Fil-ħsieb tiegħu dwar Kristu l-qassis il-kbir, l-awtur kellu quddiemu wkoll is-saċerdozju Levitiku, partikularment dak tal-qassis il-kbir bil-funzjonijiet speċjali fil-kuntest tal-liturġija ta' Jum il-Maħfra. Din l-okkażjoni annwali li kienet issir fil-bidu tal-ħarifa,

kienet jum ta' espjazzjoni jew maħfra biex il-poplu kollu ta' Iżrael jitnaddaf minn dnubietu. Il-qassis il-kbir kien jagħmilha ta' medjatur bejn Alla u l-bnedmin għax dak in-nhar biss kien jista' jidħol fil-post il-qaddis fejn hemm l-arka, it-tron ta' Alla (Lev.16; ara Lh.5:1; 9:6-14,19,25; 13:11). Għall-awtur, il-figura tal-qassis il-kbir, issa ssib l-eżaltazzjoni tagħha fi Kristu li jwettaq din il-medjazzjoni mhux iżjed annwalment, iżda hi waħda eterna.

### *Id-dinjità u d-dmirijiet tal-qassis Levitiku*

Meta l-ewwel Insara kienu jitkellmu mis-saċerdozju u mis-saċerdoti żgur li quddiem għajnejhom kienu jiġu s-saċerdoti marbuta mal-kult Ġudajku, u forsi anke dawk tal-pagani li kienu wkoll komuni madwarhom, u s-sagrifiċċji ta' annimali li kienu jitwettqu fit-tempju. Għalhekk biex nifhmu aħjar il-ħsieb tal-ittra lil-Lhud dwar is-saċerdozju ta' Kristu, ikun jaqbel li jkollna idea tajba tas-saċerdozju Levitiku tal-Antik Testment li għandu tifsira teoloġika importanti.

Meta fid-deżert tas-Sinaj Alla qal: "*Jekk...iżżommu l-patt tiegħi, intom tkun l-wirt tiegħi... Intom tkunu għalija saltna ta' qassisin u ġens qaddis*" (Num.19:5-6), dan juri li s-saċerdozju u l-patt huma marbutin ma' xulxin. Alla hu qaddis u l-poplu tal-patt magħżul minn Alla bħala wirt tiegħu, għandu wkoll ikun qaddis: "*Għalhekk għandkom titqaddsu, u tkunu qaddisin, għax jien qaddis, u ma għandkomx titniġġsu*" (Lev.11:44f; Num.15:40). Minkejja din ir-relazzjoni speċjali permezz tal-patt bejn Alla u l-poplu kollu, xorta kien hemm il-ħtieġa għall-eżistenza tas-saċerdozju uffiċċjali rappreżentat fis-saċerdozju Levitiku. L-ewwelnett dan is-saċerdozju kien jirrappreżenta lill-poplu fil-qima pubblika u nazzjonali. Hemm imbagħad marbut ma' din ir-rappreżentanza prinċipju morali u spiritwali kbir: il-ħtieġa tal-qdusija u safa fis-servizz lejn Alla u s-saċerdozju Levitiku kellu jkollu dan ix-xebh ma' Alla, anke jekk dan ix-xebh fil-karattru u l-iskop mhux dejjem kien milħuq. Din kienet funzjoni essenzjali għas-saċerdozju Levitiku biex tkun stabilita kontinwament il-qdusija tal-poplu magħżul ta' Alla (ara Eż.28:38; Lev.10:17; Num.18:1). Għal dan is-saċerdozju u s-servizz fit-tempju, Alla għażel lit-tribù ta' Levi. Bis-saħħa tal-patt ma' Levi (Mal.2:4f; Num.18:19; Ġer.33:20f), hu għamel li titwettaq il-medjazzjoni saċerdotali tal-patt ma' Iżrael. Hekk il-poplu msoffi u mqaddes, seta' jaqdi lil Alla u jirċievi l-barkiet tiegħu.

Fil-barka ta' Mosè lil kull tribù ta' Iżrael qabel mewtu, f'dik ta' Levi hemm indikati d-dmirijiet tas-saċerdoti tal-Antik Testment (Dt.33:8-10). Huma kellhom tliet funzjonijiet partikulari. L-ewwel, kellhom jgħinu lill-bnedmin jagħrfu r-rieda ta' Alla permezz ta' orakli u bit-tifsir tal-ktieb sagru, speċjalment it-Torah (v.8-10a). Bil-pariri u t-tagħlim tas-saċerdot il-poplu jagħraf jimxi fit-triq it-tajba. It-tieni, li jagħtu s-servizz tagħhom fis-santwarju u fl-offerti tas-sagrifiċċji; dan kien is-servizz proprju tagħhom li ma seta' jiġi sostitwit minn ħadd (v.10b). Fis-sagrifiċċju, il-vittma hi maqtula u hi kkonsagrata kollha kemm hi lil Alla billi titqiegħed fuq l-altar u tkun maħruqa. Fl-offerta tas-sagrifiċċju huma jagħrfu li kollox ġej mingħand Alla u kollox jerġa' lura għandu. Fl-aħħar nett, huma jbierku lill-bnedmin f'isem il-Mulej, kif jingħad b'mod espliċitu f'Num.6:22-27, għaliex hu bl-għajnuna ta' Alla li l-bniedem jista' jwettaq għemilu b'mod tajjeb.

Dan is-saċerdozju Levitiku kellu ġerarkija fi tliet taqsimiet. L-ewwel kien hemm il-<u>Leviti</u> li kellhom jaqdu fis-servizz tas-santwarju (Dt.10:8-9). Huma kellhom jirrappreżentaw kull l-ewwel tifel imwieled minn fost il-poplu ta' Iżrael (Num.3:12-13). 'Il fuq minnhom hemm dawk li huma <u>qassisin</u>, ikkonsagrati minn fost ulied Aron (Eż.29;

Lev.8), liema konsagrazzjoni kellha tkun imħarsa minn preċetti partikulari (Lev.21). Huma biss bħala rappreżentanti tal-poplu setgħu jaqdu fis-sagrifiċċji mwettqa fuq l-altar. Fuq nett tal-ġerarkija kien hemm il-qassis il-kbir li fih jinġabar il-qofol tal-qdusija vikarja tas-saċerdozju. Hu kien jirrappreżenta lill-poplu kollu, tant li meta kien jidħol fil-post il-qaddis, kien iġib fuq qalbu l-ismijiet tat-tnax-il tribù ta' Iżrael fil-pettoral (Eż.28:29). Hu biss kien jidħol bl-inċens u d-demm tal-vittmi fil-qaddis tal-qaddisin darba fis-sena fil-Jum tal-Maħfra (Lev.16).

***Il-qassis il-kbir Levitiku fl-ittra lil-Lhud***

Naraw issa x'tagħrif tagħtina l-ittra lil-Lhud dwar is-saċerdozju tal-Antik Testment kif ukoll dwar il-qassis il-kbir Levitiku. Hi tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-qassis il-kbir, ibbażata fuq dak li nsibu fl-Antik Testment, li fiha tiddefinixxi s-sinifikat u l-irwol l-aktar profond tal-ministeru saċerdotali.

L-ewwel diskors dwar il-qassis il-kbir Levitiku nsibuh fis-sezzjoni ta' 5:1-4. Diġà però qabel f'2:17, għalkemm hawn l-awtur qed jitkellem dwar Ġesù, hu jagħmel dan filwaqt li qed jirreferi għar-riti li l-qassis il-kbir jagħmel fit-tempju darba fis-sena "*biex ipatti għal dnubiet il-poplu*" f'jum l-espjazzjoni jew il-maħfra (Lev.16:6,10-11). F'v.1 ta' din is-sezzjoni jgħid li l-qassis il-kbir hu destinat biex ikun medjatur: hu bniedem ("*meħud minn fost il-bnedmin*") biex ikun ta' servizz għall-bnedmin ("*imqiegħed għall-bnedmin*") bil-funzjoni saċerdotali tiegħu, murija bl-espressjoni magħrufa "*f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla*" (wkoll 2:17), jiġifieri "*joffri doni u sagrifiċċji għad-dnubiet*" (8:3; u "*kull qassis ieħor*" 10:11), espressjoni oħra li tiġi żviluppata f'kap.9-10. Mela għall-qassis, li joffri sagrifiċċji mhux kruwenti u kruwenti għad-dnubiet, kif jiġri fl-espjazzjoni (2:17) jew sagrifiċċji oħra għad-dnubiet (Lev.4:20,26,35), kienet il-ħidma proprja tiegħu. Hu jirrappreżenta lill-poplu quddiem Alla, u fil-qadi tal-ministeru tiegħu, il-qassis qiegħed quddiemu, filwaqt li hu solidali mal-bnedmin. F'v.2-3 jurina kif din is-solidarjetà tal-qassis mal-poplu midneb hi fil-qofol tal-medjazzjoni tiegħu. Billi hu "*mlibbes bid-dgħufija*", peress li l-oriġni tiegħu hija bħal dik tal-bnedmin dgħajfa, huwa "*jista' jagħder*", fejn din id-dgħufija hija murija bid-dnub. Huwa wkoll midneb bħall-oħrajn. Dan jidher mill-fatt li qabel joffri "*għad-dnubiet tal-poplu*", hu "*għandu joffri sagrifiċċji għad-dnubiet tiegħu*" b'espjazzjoni (ara Lev.4-5: sagrifiċċji għall-maħfra; Lev.16: f'Jum il-Maħfra), u allura għamlu aktar kapaċi li juri mogħdrija. B'dan il-ġieħ muri aktar fil-funzjonijiet bl-ilbies saċerdotali (Eż.28:2), l-awtur ikompli jgħid f'v.4 li ħadd m'għandu jippretendi li "*jieħu b'idejh dal-ġieħ għalih innifsu*". Hu Alla, b'mod liberu u b'inizjattiva tiegħu, li jsejjaħ lil xi ħadd biex ikun qassis, proprju "*kif kien imsejjaħ Aron*" (Eż.28:1).

F'dan il-kwadru rajna s'issa l-karattru ġenerali tal-qassis. Irridu però nosservaw li l-uffiċċju tal-qassis il-kbir hu limitat. Dawk fost ulied Levi li għandhom is-saċerdozju, huma regolati mil-Liġi. Skont il-Liġi huma jieħdu l-għexur mingħand il-poplu (7:5), imma Levi stess, meta kien għadu fil-ġewwieni ta' Abraham, ħallas l-għexur (7:9-10). Huma wkoll mortali (7:8,23), tant li l-qassisin ta' Aron "*kienu jsiru qassisin f'għadd kbir*" (7:23). Iżda għandu l-limitu ġej ukoll minħabba d-dnub. Il-Liġi tpoġġi fl-uffiċċju ta' qassis il-kbir "*bnedmin li huma dgħajfa*" (7:28). Difatti l-qassis il-kbir "*joffri kuljum sagrifiċċju, l-ewwel għad-dnubiet tiegħu stess, imbagħad għad-dnubiet tal-poplu*" (7:28; ara 5:3; 9:7). Ir-ripetizzjoni tar-riti permezz tas-saċerdozju Levitiku ma wasslitx biex id-dnub jitwarrab għal kollox, wisq anqas biex iġġib "*il-perfezzjoni*" (7:11,19; 9:9; 10:1: '**τελειωσις**'), jiġifieri għaqda mill-qrib ma' Alla, u għalhekk ma laħqitx il-għan tagħha. Mela "*l-għotjiet u s-sagrifiċċji*" ma wasslux biex il-kuxjenza

teħles mis-sens tal-ħtija minħabba d-dnub (9:9; 10:2f), għaliex "*id-demm*" tal-annimali (9:7,12-13,19-22,25; 10:4), jiġifieri "*tal-gniedes u tal-mogħoż*" mhuwiex kapaċi li jħassar id-dnub (10:4; 9:7,12-13,22). Il-ġerħa anzi tibqa' miftuħa għaliex ir-ripetizzjoni tas-sagrifiċċji "*bla waqfien minn sena għal sena*" (10:1,3; u dawk ta' "*kuljum*":11) tkompli tfakkar tabilħaqq fid-dnubiet (10:3).

Il-liturġija antika bir-ritwal tagħha marbuta mal-qassis u s-sagrifiċċju ma kienitx kapaċi li twettaq medjazzjoni valida. Il-qassis ma setax joffri lilu nnifsu lil Alla billi hu stess kien midneb. Id-demm tal-annimali ma jistax ineħħi d-dnub (10:4). It-tempju kien magħmul mill-bnedmin (8:2), materjali, imsejjaħ "*tal-art*" (9:1), b'riti esterni ripetuti kontinwament. Is-santwarju bil-liturġija tiegħu hu biss "*xbieha u dell*" (8:5; ara 9:9; 10:1) u għalhekk kopja imperfetta ħdejn dak tas-sema (Eż.25:40). Minħabba n-natura karnali u mortali li qegħda fl-għerq tal-qassis u s-sagrifiċċju, wassal biex il-kult l-antik ifalli. Dan kien nieqes mill-karattru tal-eternità: il-qassisin huma mortali (7:23) u s-sagrifiċċju kien ripetut kontinwament, kif kien dak ta' Jum il-Maħfra (10:1), u għalhekk ma jwassalx biex jeqred id-dnub.

L-ewwel patt (9:1) wera li hu imperfett, u meta wasal iż-żmien tat-tiġdid (9:11) allura kien hemm patt ġdid (9:15: '**διαθηκε**': din il-kelma tfisser kemm patt u kemm testment u hawnhekk l-awtur jużaha fiż-żewġ sensi skont il-kuntest) li twettaq permezz ta' Kristu l-qassis il-kbir tat-Testment il-Ġdid.

### *Kristu l-qassis il-kbir*

Is-saċerdozju Levitiku flimkien mar-ritwali tas-sagrifiċċju jsibu l-qofol u l-milja fi Kristu. Ħalli nispjegaw il-proċess kollu ta' dan is-saċerdozju ta' Kristu.

### *Solidarjetà mal-bnedmin*

Fl-ewwel żewġ kapitli tal-ittra, l-awtur ifisser id-dinjità ta' Kristu f'riferiment għall-Missier, l-angli u l-bnedmin u jurina t-triq li segwa biex isir qassis il-kbir. B'sintesi ta' dak kollu li seħħ fl-Antik Testment, l-awtur juri l-qofol tal-istorja fil-preżenza ta' "*l-Iben*" etern fost il-bnedmin, li hu ħaġa waħda mal-Missier, kif ukoll ħallieq u werriet ta' kollox, u wara li "*naddafna minn dnubietna*", Ġesù kiseb "*isem*" (ara Filip.2:9s) b'ġieħ għoli fil-lemin ta' Alla l-Missier (1:1-4), "*il-qassis il-kbir li daħal fis-smewwiet*" (4:14). Din l-immaġni ta' Ġesu, l-awtur ikompli juriha permezz ta' riferimenti u ċitazzjonijiet mill-Antik Testment.

Ġesù hu superjuri għall-anġli u dan hu muri permezz ta' seba' testi mill-Antik Testment moqrija Kristoloġikament. L-anġli huma biss "*qaddejja*", qatt ma huma msejħa wlied (1:7,14) u medjaturi tal-patt il-qadim (2:2; skont tradizzjonijiet Ġudajċi Alla ta l-Liġi lil Mosè permezz tal-anġli, ara At.7:53; Gal.3:19). Imma dan "*l-Iben*" hu ħallieq (1:10), etern (1:8,11), Mulej (1:13) u lilu l-anġli għandhom jaduraw (1:6).

L-awtur jgħaddi biex jitkellem mir-rapport bejn Ġesù u l-bnedmin (2:5-18). Jibda billi fil-vv.6-8 jikkwota Sl.8:5-7, li meta huma moqrija f'dawl Kristoloġiku, naraw l-umiljazzjoni u l-mewt ta' Ġesù ("*ftit inqas mill-anġli żejjintu*") u l-qawmien u l-eżaltazzjoni tiegħu ("*bil-glorja u l-ġieħ żejjintu, kollox taħt riġejh qegħedtlu*"). Mela t-triq tal-glorja hi permezz tal-umiltà (v.9: "*minħabba fil-mewt li hu bata*"), u dan mhux biex tintwera xi simpatija umana, imma għaliex din tikkostitwixxi l-qalba tal-ħsieb li fid-dawl tiegħu nistgħu verament nifhmu l-kobor tal-majestà tiegħu.

Il-preżentazzjoni li l-awtur jagħmel ta' Ġesù bħala qassis il-kbir tibda mill-ħajja fuq l-art, jiġifieri minn Ġesù storiku. Permezz tal-inkarnazzjoni hu sar ħaġa waħda mal-bnedmin (2:14-18; 4:15; 5:1-2, 8-10) u hekk daħal f'solidarjetà sħiħa mal-bnedmin "*biex ikun il-qassis il-kbir, ħanin u fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għal dnubiet il-poplu*" (2:17). Billi Ġesù l-qassis il-kbir hu meħud minn fost il-bnedmin (5:1), f'kull aspett hu "*jixbah lil ħutu*" l-bnedmin (2:17), "*sar bħalhom*" li għandhom "*l-istess demm u ġisem*" (2:14) u natura waħda magħhom (2:11). Din is-solidarjetà hi murija aktar billi Ġesù "*stess bata u kien imġarrab*" (2:18; 4:15), kif ukoll "*imlibbes bid-dgħufija*" biex "*joffri sagrifiċċji għad-dnubiet*" (5:2) u hekk "*ipatti għal dnubiet il-poplu*" (2:17), iżda bi kwalifika li tiddistingwih, "*minbarra d-dnub*" (4:15; 7:28; ara wkoll 2Kor.5:21; 1Ġw.3:5; 1Pt.2:22). Għalhekk hu għamel tiegħu d-destin tal-bniedem tant li sofra l-mewt "*biex il-mewt li daq tkun għall-ġid ta' kulħadd*" (2:9).

Bis-saħħa tal-perseveranza u r-rebħa tiegħu, hu seta' "*jgħin lil dawk li huma fit-tiġrib*" (2:18). Minkejja li "*hu tassew kbir*" (4:14), iżda hu mhuwiex imbiegħed b'tali mod li "*ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna*" (4:15: '***συμπαθησαι***' li tfisser turi simpatija ma', tagħder; 5:2: '***μετριοπαθειν***' li tfisser timxi b'mod ġentili, timmodera s-sentimenti, 'deal gently with'. Dawn huma żewġ verbi relatati ma' xulxin li juru l-kompassjoni ta' Ġesù, jiġifieri li jagħder). F'din is-solidarjetà ta' Ġesù l-qassis il-kbir, ma nistgħux ma ninnotawx tensjoni li fiha naraw min-naħa l-kobor tal-majestà u min-naħa l-oħra t-tisħib mal-umanità, u li l-awtur jittratta tant b'reqqa, kif jidher minn dawn iż-żewġ espressjonijiet opposti: "*ikun jixbah lil ħutu f'kollox*" (2:17, fl-eżistenza terrena; ara 4:15) u "*maqtugħ mill-midinbin*" (7:26, issa fil-glorja bl-axxensjoni; ara wkoll 4:15). B'dan il-kwadru li bih juri lil Ġesù l-qassis il-kbir li jaf jagħder, għall-awtur jifforma l-bażi biex ikompli jiżviluppa aktar fuq din il-kwalità karatteristika ta' Ġesù.

### *Ġesù l-qassis il-kbir medjatur*

Aspett ewlieni tal-ministeru tal-qassis il-kbir tal-Antik Testment kien il-fatt li hu medjatur għall-bnedmin quddiem Alla. Hu kien iressaq it-talb u joffri s-sagrifiċċji lil Alla f'isem il-bnedmin u jaqlagħlhom il-ħniena u l-maħfra. Fis-sistema reliġjuża tal-Ġudajiżmu, il-qassis il-kbir kellu l-ogħla dinjità u s-saċerdozju kien jeżiġi separazzjoni minn kull ħaġa li tirrendih imniġġes permezz ta' riti, ħasil, dlik u liġijiet ta' purità. Għall-kuntrarju, Ġesù warrab kull dinjità u privileġġi, anzi wera l-akbar umiltà meta għadda minn tiġrib u tbatija, u saħansitra l-mewt, u lanqas qagħad lura milli jkollu l-akbar solidarjetà mal-bnedmin billi jieħu anke l-mewt. Bħala Iben preeżistenti kellu komunjoni perfetta mal-Missier, bħala Iben inkarnat kellu komunjoni mal-Missier u l-bnedmin, iżda fil-passjoni laħaq il-perfezzjoni bil-mewt tiegħu, għaliex b'hekk wera solidarjetà kompleta mal-bnedmin u fl-istess waqt wettaq ir-rieda tal-Missier b'ubbidjenza u fedeltà sħiħa sal-aħħar f'dak il-mument l-aktar iebes (5:8-9; 7:28; ara wkoll 2:17). Għalhekk permezz ta' din l-esperjenza hekk qawwija ta' fedeltà lejn Alla (3:2) u ta' solidarjetà sħiħa mal-bnedmin, Ġesu seta' jkun il-medjatur perfett tal-patt il-ġdid bejn Alla u l-bnedmin (7:23-28; 8:6-13; 9:15). Meta jgħid li hu "*laħaq il-perfezzjoni*" ('***τελειωθεις***': 5:9), ifisser li qed jimplika li hu rebbieħ permezz tal-ubbidjenza kif ukoll eżaltat għall-eternità (7:28). Hu sar qassis il-kbir, akkreditat quddiem Alla bħala Iben minħabba l-fedeltà tiegħu u qrib il-bnedmin minħabba s-solidarjetà tiegħu sal-punt tal-mewt.

L-ittra tkompli tippreżenta lil Ġesù li qed jopra f'isem l-umanità quddiem Alla: "*hu mqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla*" (5:1) u għalhekk "*sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem*" (5:9). Din il-medjazzjoni bħala qassis il-kbir hi meqjusa bħala ħidma qaddisa. Bħalma fis-saċerdozju Levitiku wieħed ma kienx jieħu minn rajh dan l-uffiċċju, imma biss jekk ikun imsejjaħ minn Alla (5:4), l-istess Ġesù kien mogħti wkoll dan il-ġieħ ta' qassis il-kbir minn Alla nnifsu (5:5). Din l-interpretazzjoni tas-sejħa tiegħu hi mibnija fuq id-dikjarazzjoni li hu Iben Alla f'Sl.2:7: "*Ibni int; illum jien nissiltek*" (5:5; 1:5). Dan it-test kien użat b'modi differenti fil-Knisja primittiva b'tifsira messjanika (At.13:33; ara Mt.3:17; Mk.1:11; Lq.3:22). Mela, ladarba Kristu kien Alla u bniedem, seta' jkun il-qassis il-kbir medjatur perfett; u billi dan kien mogħti lilu wara li wera li hu nnifsu seta' jkun akkreditat bħala Iben, dan kien milqugħ minn Alla minħabba l-bnedmin.

## *Qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek*

Bl-ubbidjenza li Kristu wera lejn ir-rieda ta' Alla, li laħqet l-ogħla manifestazzjoni tagħha fl-għotja tiegħu nnifsu fil-passjoni biex ibati u jmut għall-bnedmin, f'solidarjetà sħiħa magħhom (5:7f), huwa ġie pproklamat bħala qassis il-kbir. L-awtur hawnhekk, fl-iżvilupp tat-tema ta' Ġesù l-qassis il-kbir, jikkwota Sl.110:4.: "*Int qassis għal dejjem skont l-ordni ta' Melkisedek*" (5:6,10; 6:20; 7:3,11,17,21). Bħas-Salm 2, it-test ta' Salm 110 kien ukoll spiss użat b'sinifikat messjaniku għal Ġesù fil-Knisja tal-bidu (ara Mt.22:44; Mk.12:36; Lq.20:42-43; At.2:34-35; Lh.1:13). B'hekk iqegħdilhom il-figura ta' Melkisedek qassis-sultan bħala tip tas-saċerdozju regali ta' Kristu. Din it-tema ta' Melkisedek hi żviluppata f'Lh.7, għalkemm kien diġà ssemma qabel erba' darbiet (Lh.5:6,10,11; 6:20), u l-aħħar li jissemma fl-ittra hu f'Lh.7:17, għax imbagħad iċedi postu għal Ġesù.

Melkisedek jissemma biss darba fl-Antik Testment, f'Ġen.14:17-20 u għalhekk l-awtur jesplora l-importanza ta' din il-figura li hi fundamentali fil-ħsieb tiegħu meta jqegħdha f'relazzjoni ma' Ġesù. Hu jibda billi jħares lejn Melkisedek bħala tip ta' Ġesù (7:1-3). Melkisedek kien is-"*sultan ta' Salem u l-qassis ta' Alla l-għoli*" (7:1; ara Ġen.14:18). Dan mar jiltaqa' ma' Abraham huwa u ġej lura mit-taqtigħa li ta lis-slaten u bierku (7:1; ara Ġen.14:19). Abraham tah l-għexur minn kollox (7:2; ara Ġen.14:20). L-awtur, biex juri l-aspett saċerdotali ta' Ġesù, jagħmel użu mit-tradizzjoni regali komuni li hija marbuta mal-messjaniżmu tiegħu, billi jkompli biex jittraduċi l-isem ta' Melkisedek kif ukoll tal-belt tiegħu. Hu jfisser Melkisedek bħala "*sultan tal-ġustizzja*" (bil-Lhudi '***melek***' tfisser sultan, '***sedek***' tfisser ġustizzja, 'righteousness') u "*sultan ta' Salem*" bħala "sultan tas-sliem" (7:1-2; Salem, imsejħa wkoll 'Jeru-Salem', jiġifieri Belt is-Sliem: il-verb '***shalem***' li tfisser: tkun komplet, tagħmel sħiħ; in-nom '***shalom***' li tfisser: komplet, sliem, saħħa). Dawn huma żewġ kwalitajiet li għandhom reżonanza qawwija fit-tradizzjoni tal-messjaniżmu regali. Hekk fis-Salm 72, li jitkellem mis-saltna tal-Messija, jgħid: "*Jinżel mill-muntanji s-sliem lill-poplu, tinżel mill-għoljiet il-ġustizzja*" (v.3); anke l-profezija titkellem mill-messija bħala "*Prinċep tas-sliem....bil-ħaqq u s-sewwa*" (Is.9:5-6; Ġer.23:5; Mik.5:4; Dan.9:24; Żak.9:10).

Is-soltu fil-kronaka rigward is-sultan isemmu l-missier u l-omm, id-dixxendenza tiegħu, kif ukoll il-bidu u t-tmiem tas-saltna tiegħu. Issa rigward Melkisedek, fil-Ġen.14 ma jissemma xejn dwaru. L-awtur jara fih xebh mal-Iben ta' Alla u jinterpretah bħala prefigura tas-saċerdozju etern ta' Kristu: "*qassis għal dejjem*" (7:3; ara 1:10-12; Sl.110:4).

L-awtur imbagħad jgħaddi biex jikkompara s-saċerdozju Levitiku ma' dak ta' Melkisedek (7:4-10). Melkisedek hu "*kbir*": jirċievi l-għexur mingħand Abraham "*il-patrijarka*" (7:4,6; ara 7:2; Ġen.14:20), minkejja li hu mingħajr nisel, jgħix (7:6,8; ara v.3), u jekk Melkisedek bierek lil Abraham, ifisser li hu kien superjuri "*għax iż-żgħir* (jiġifieri Abraham, minkejja l-wegħdiet li kellu) *jitbierek mill-kbir*" (7:7). Iżda dawk minn nisel ta' Levi jirċievu l-għexur mingħand il-poplu, ulied Abraham (7:5), huma mortali (7:8), u l-istess Levi, meta kien għadu fil-ġewwieni ta' Abraham (fejn hemm preżenti d-dixxendenza kollha tiegħu), ħallas l-għexur lil Melkisedek (7:9-10).

Din l-inferjorità intrinsika tas-saċerdozju Levitiku, l-awtur ikompli juriha billi jagħmel kritika profonda dwar elementi ċentrali tal-Ġudajiżmu li ma wasslux għall-perfezzjoni (7:11-19). Dawn huma s-saċerdozju ta' Levi (7:12) u marbutin miegħu l-Liġi (7:12,18) u l-patt (7:22; 8:7). Għalhekk dawn kellhom jispiċċaw u jiġu sostitwiti minn saċerdozju ġdid (7:17,21 li jikwotaw Sl.110:4) "*ġej mit-tribù ta' Ġuda*", li dwaru Mosè qatt ma attribwixxa funzjoni saċerdotali (7:13-14) u li "*jkun jixbah lil Melkisedek*" (7:15) u li mhuwiex ġej "*b'liġi tan-nisel tal-ġisem*" imma "*bil-qawwa ta' ħajja li ma tintemmx*" (7:16; ara v.3,8). Il-kmandament preċedenti, li kien "*dgħajjef u bla siwi*" hu mwarrab (7:18) u minfloku "*daħlet tama aħjar*" (7:19) permezz tas-saċerdozju ta' Kristu li għandu superjorità intrinsika. Din ġejja mill-fatt li hu sar qassis bil-ġurament (7:21 li jikkwota Sl.110:4: "*Ħalef il-Mulej...*"; ara 6:13-18) u b'hekk Ġesù l-medjatur tana patt aqwa (7:22; 8:6-7), patt ġdid (8:8-13; ara Ġer.31:31-34). Is-saċerdozju tiegħu għandu validità eterna (7:20-25) għax hu jibqa' ħaj għal dejjem u jidħol dejjem għalina.

### *Kristu l-qassis il-kbir perfett li joffri lilu nnifsu*

Is-saċerdozju Levitiku u l-liġi ta' Mosè - li tirregola dan is-saċerdozju u s-sagrifiċċji marbuta miegħu - , ma ġabux il-perfezzjoni. Din il-perfezzjoni saret possibbli biss bi Kristu. Kristu hu l-qassis il-kbir "*li ġie magħmul perfett għal dejjem*" (7:28) f'kull aspett kemm personali u kemm morali. Hu deskritt bħala "*qaddis*", jiġifieri kollu kemm hu indirizzat fil-ħsieb u fil-ħidma lejn Alla u s-servizz tiegħu, "*innoċenti*" għax mhux minsus minn ebda ħażen, "*safi*" mingħajr ebda tebgħa u "*maqtugħ mill-midinbin*" (7:26). Għalhekk hu jittraxxendi fuq kull ħlejqa oħra, jiġifieri 'l fuq minnhom, u qiegħed qrib ta' Alla u f'relazzjoni attiva u kontinwa miegħu. Konsegwentement l-awtur jagħmel din l-akklamazzjoni: "*aħna għandna qassis hekk kbir li qagħad fuq il-lemin tat-tron tal-kobor* ('*ta' Alla*': fit-test oriġinali m'hemmx 'Alla') *fis-sema*" (8:1).

Fl-ittra jgħid li l-ħidma ewlenija tal-qassis kienet is-sagrifiċċju, l-aktar dak tat-tpattija, għalkemm jikkontempla wkoll is-servizz ġenerali tal-artal (7:13). Għalkemm kienet meħtieġa tħejjija kultika mill-qassis il-kbir fis-servizz tiegħu, iżda hemm differenza f'dan ir-rigward bejn dak Levitiku u Kristu. Tal-ewwel kien jagħmel sagrifiċċju "*l-ewwel għad-dnubiet tiegħu stess*" (7:27) permezz tal-offerta tal-annimali (9:12) u "*joffri demm ħaddieħor*" (9:26). Fil-każ ta' Kristu dan ma kienx meħtieġ. Hu li kien mingħajr dnub (4:16) ma kellux għalfejn joffri sagrifiċċju biex ipatti għad-dnubiet tiegħu. B'daqshekk ma jfissirx li hu ma kellux xorta waħda jagħti b'mod attiv prova tal-ubbidjenza tiegħu biex biha jgħin lil "*kull min jisma' minnu*", jiġifieri juri wkoll ubbidjenza, biex isalva (5:9-10).

Għalhekk is-sagrifiċċju li Ġesù joffri, bħala tpattija għad-dnubiet darba għal dejjem (9:11-28; 10:11-18), seta' jkun u fil-fatt kien sagrifiċċju perfett. L-ewwel nett hu joffri lilu nnifsu minn rajh (7:27; 9:14,25,28), "*demmu stess*" (9:12,14; 10:19; 12:24; 13:12), anzi ġismu stess: "*imma ġisem int ħejjejt għalija*" (10:5,10; ara Sl.40:7-9). Meta qed

jgħid "*ġisem*" qed jirreferi għall-ħajja personali kollha tiegħu li permezz tagħha jwettaq ir-rieda ta' Alla. Hawnhekk il-vittma kienet Ġesù nnifsu li hu stess il-qassis il-kbir. Bl-għaqda tal-qassis u l-vittma qed juri li l-patt il-qadim bl-offerti tiegħu ma għadx baqagħlhom siwi (ara 9:12,25). L-emfasi issa mhijiex tant fuq is-sagrifiċċju materjali marbut mal-kult imma aktar fuq it-twettieq tar-rieda ta' Alla fil-ħajja tal-bniedem: "*Vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx. Jien imbagħad għedt: 'Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek*" (10:6-7, 8-9,10; ara Sl.40:7-9). Dan is-sagrifiċċju ta' Kristu hu magħmul darba biss - "*għamlu darba għal dejjem*" (7:27; 9:12,24-28; 10:10,12,14) - , u f'kuntrast għal dak Levitiku mhuwiex ripetut kull sena (9:7,25), kuljum (7:27; 10:11) jew "*minn żmien għal żmien*" (9:25). L-ittra turi l-importanza tal-offerta unika u mhemmx ħtieġa ta' aktar offerti. Dan is-sagrifiċċju ta' Kristu l-qassis il-kbir hu għal kulħadd. Il-kelma "*darba*" (*'**απαξ**'*) għandha tifsira importanti hawnhekk. Meta jgħid "*darba fis-sena biss*" b'riferiment għad-dħul tal-qassis il-kbir fit-tinda tal-Post il-Qaddis (9:7), ifisser li jirrepeti kull sena. Imma fil-każ ta' Kristu, "*darba għal dejjem*" hi tabilħaqq darba b'mod definittiv. L-awtur jitlaq minn esperjenza li l-bnedmin jgħaddu minnha darba biss, jiġifieri l-mewt u warajha l-ġudizzju (9:27) b'mod definittiv; din il-ħaġa unika għandha sens in virtù tal-eternità. Kristu, bħala l-Iben, refa' fuqu d-destin tal-bnedmin bl-offerta unika għal dejjem li mhijiex ripetibbli (9:28). Bis-saħħa tal-"*Ispirtu ta' dejjem*" (9:14), Ġesù offra lilu nnifsu u għalhekk din l-offerta kienet sħiħa u kompleta. Permezz tal-Ispirtu tal-eternità s-sagrifiċċju jakkwista dimensjoni definittiva. Fuq kollox Ġesù għandu saċerdozju li għandu validità eterna (7:24).

Permezz ta' dan is-sagrifiċċju uniku, Kristu għamel espjazzjoni, tpattija għad-dnubiet tal-bnedmin kollha. Bl-offerta tiegħu hu kien lest "*jitgħabba bid-dnubiet tal-kotra*" (9:28; jalludi għal Is.53:12) u għalhekk hu "*offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet*" (10:12,18; 9:26); u b'mod effikaċi bħala vittma safja (9:14) hu qala' l-maħfra tad-dnubiet (10:18). B'hekk huwa "*kiseb fidwa għal dejjem*" (9:12). Bis-saħħa ta' din il-fidwa huwa naddaf il-kuxjenza tal-bnedmin minn għemejjel li jwasslu għall-mewt (9:14). Dan kien ifisser it-twettiq tar-rieda divina sabiex il-bnedmin ikunu salvati (7:25), "*mqaddsin*" (10:9-10;13:12) u jagħmel "*perfetti* (*'**τελειοω**'*) *għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes*" (10:14; ara 11:40; 12:23; għall-fidili hu applikat *'**teleioò**,* li jesprimi l-"*konsagrazzjoni*" proprja ta' Kristu: 2:10; 5:9; 7:28). Huma jkunu wkoll, bis-saħħa tiegħu, aktar qrib lejn Alla (7:19,25). Bħala qassis il-kbir huwa jkompli jinterċedi għall-bnedmin (7:25).

Mela nistgħu naraw li billi l-ewwel patt għadda żmienu, Alla kien wiegħed ieħor ġdid (Ġer.31). Il-ġid li kellu jiġi (10:1) bis-saħħa tas-sagrifiċċju u interċessjoni ta' Kristu l-qassis il-kbir, hu totali u definittiv u għandu effett etern.

### *Kristu jiftaħ għall-bnedmin triq ġdida u ħajja*

L-Insara huma mela mwissija biex jifhmu aħjar lil Kristu bħala l-qassis il-kbir ħalli jkunu jistgħu jfasslu l-ħajja tagħhom skont l-ispirtu tiegħu, li hu "*fuq il-famija ta' Alla*" (10:23), u jkollhom aċċess għal din ir-realtà tas-salvazzjoni miksuba. Bis-saħħa ta' demmu (10:19), hu fetaħ għall-bnedmin triq ġdida u ħajja fil-preżenża ta' Alla (10:19f). Il-komunità tal-Insara jistgħu jilħquha b'mod ħieles mingħajr biża' (4:16; 10:19,22). Iżda biex ikun possibbli li din tiġi milħuqa, l-Insara għandhom l-ewwel nett jersqu "*b'qalb sinċiera u b'fidi sħiħa*" (10:22), b'qalb imnaddfa minn kuxjenza ħażina (9:14; 10:22), u jżommu "*sħiħ fl-istqarrija qawwija tat-tama tagħna*" (10:23). Huma

għandhom juru solidarjetà u jgħinu lil xulxin (10:24-25). Fuq kollox huma għandhom iżommu sħiħ bis-sabar, it-tiġrib u t-tbatija li jgħaddu minnhom (10:32-39).

Dan kollu hu mertu tal-medjazzjoni ta' Kristu (12:24). Għalhekk spiċċa ż-żmien li jkun hemm separazzjoni bejn is-saċerdot u l-poplu, bejn is-saċerdot u l-vittma u bejn il-vittma u Alla. Għaliex Kristu hu l-vittma u l-qassis l-kbir, li bl-offerta tiegħu jwettaq medjazzjoni bejn Alla u l-bnedmin. B'differenza mis-saċerdozju tal-kult Iżraelit, Kristu nnifsu hu s-saċerdot etern li jġib fil-milja l-verità tas-saċerdozju.

# 3. LECTIO DIVINA FUQ LHUD 4:14–5:10

## *Kristu s-Saċerdot il-Kbir*

Tradizzjonalment din l-ittra hija attribwita lil Pawlu. Imma meta nifluha mill-qrib nintebħu li għandna quddiemna kitba li tieħu forma aktar ta' omelija milli ta' ittra. Dan għaliex m'għandna l-ebda indirizz epistolari fil-bidu ta' din l-opra letterarja. Huwa biss lejn l-aħħar ta' din l-opra letterarja li nsibu nota konklużiva ta' natura epistolari li tixhed li din l-opra letterarja kellha tkun iċċirkulata qalb il-Knejjes.

Din l-omelija tipproponi meditazzjoni fuq il-medjazzjoni unika u definittiva ta' Ġesù Kristu bħala l-Iben il-Waħdieni ta' Alla. Għalhekk il-misteru tal-Għid huwa mistqarr fl-effikaċja tiegħu fil-ħajja ta' dawk li jemmnu. L-awtur jagħmel dan kollu b'mod għal kollox ġdid għax jesprimi dan kollu b'kategoriji marbuta mas-saċerdozju, mas-santwarju u mal-offerta kif kienu jitħaddmu fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Għalhekk din l-omelija tippreżentalna meditazzjoni b'lingwaġġ għal kollox ġdid meta mqabbel ma' dak prevalenti fil-*kerygma* tal-bidu.

Id-destinatarji ta' din l-omelija huma Lhud-Insara li jinsabu f'mument ta' kriżi, liema kriżi hija frott tal-persekuzzjonijiet li kienu għaddejjin minnhom. Kienu persekuzzjonijiet frott ta' oppożizzjoni minn ħuthom Lhud kif ukoll persekuzzjoni oħra morali mnissla mit-tifkira passata tagħhom meta kienu għadhom jistqarru t-twemmin Lhudi. Dan ifisser li dawn il-Lhud-Insara kienu jħarsu lura b'nostalġija u jiftakru fir-ritwali Lhud u l-għana tal-ġesti u s-simboliżmu tagħhom. Għalhekk din l-omelija tidher bħala tentattiv biex jiġi rkuprat dan kollu u jiddawwal, biex idawwal il-misteru ta' Ġesù Kristu. Hekk it-teoloġija u l-ispiritwalità mistqarra f'din l-omelija huma kollha kemm huma f'rabta mas-saċerdozju u mas-sagrifiċċju.

M'aħniex ċerti mid-data ta' din l-omelija. Jekk inkitbet wara s-sena 70 WK, għandna fiha ħjiel li dawn il-Lhud-Insara huma mħeġġa biex ma jaqtgħux qalbhom quddiem din il-qerda tal-belt għażiża tagħhom, Ġerusalemm il-qaddisa, għax fi Kristu għandna saċerdozju ġdid b'offerta magħmula darba għal dejjem għal kulħadd li ġġib fix-xejn il-missjoni u l-benefiċċju li kellu t-Tempju ta' Ġerusalemm sa dakinhar.

L-awtur jippreżentalna l-messjaniżmu saċerdotali ta' Ġesù Kristu. Dan huwa aspett għal kollox ġdid fil-Kristoloġija kif ippreżentata mill-vanġeli. Ġesù ma kienx minn familja saċerdotali u ma nsibu mkien fil-vanġeli li wettaq ħidma jew ġesti saċerdotali. Għalhekk dan l-awtur Kristjan tal-ewwel seklu jibni din il-meditazzjoni fuq il-fidwa f'dimensjoni saċerdotali, waqt li jurina l-kontinwità u d-diskontinwità li hemm bejn is-saċerdozju tat-Testment il-Qadim u s-saċerdozju tat-Testment il-Ġdid.

Fis-silta Lhud 4:14–5:10 għandna l-introduzzjoni għal din it-tema li ser tkun żviluppata matul il-bqija ta' din l-opra letterarja. Nistgħu naqsmuha fi tliet taqsimiet:

- **Lhud 4:14-16:** Tħabbira tat-teżi li l-awtur sejjer jiżviluppa matul l-ittra flimkien ma' eżortazzjoni ta' natura parenetika.
- **Lhud 5:1-4:** Profil tas-saċerdozju skond l-ordni ta' Aaron (dan huwa konfermat mill-aħħar vokabolu tal-istess paragrafu).

- **Lhud 5:5-10:** Profil tal-konsagrazzjoni ta' Kristu bħala saċerdot skond l-ordni ta' Melkisedek (dan huwa kkonfermat ukoll mill-aħħar vokabolu tal-istess paragrafu).

Is-saċerdozju fit-Testment il-Qadim għandu l-għeruq tiegħu fir-relazzjoni speċjali li l-poplu ta' Israel kellu ma' Jaħweh. Din ir-relazzjoni kienet titlob medjazzjoni, li kienet titħaddem u titfisser mis-saċerdozju. Għalhekk is-saċerdot kellu jkun mifhum bħala pont biex ipoġġi u jressaq flimkien lil Alla mal-poplu. Dan jidher ċar f'dak li nsibu f'Lhud 2:17: "Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox biex ikun il-Qassis il-Kbir, ħanin u fidil, f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla u biex ipatti għal dnubiet il-poplu".

**Saċerdot ħanin u fidil**

Dawn iż-żewġ kwalitajiet mistqarra permezz ta' dawn iż-żewġ aġġettivi jikkonfermaw dak li qegħdin ngħidu fir-rigward tas-saċerdozju għax jikkwalifikaw ir-relazzjoni ma' Alla u mal-bniedem, imma fl-istess waqt jesprimu diskontinwità ma' dak li kien meqjus rekwiżit mis-saċerdozju fit-TQ.

Ġesù hu mfisser bħala saċerdot fidil fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Ġesù huwa iben denn ta' Missieru, għaliex ħadd u xejn ma firdu minn Alla, lanqas l-akbar prova li għadda minnha — il-mewt fuq is-salib. Fl-istess waqt huwa mfisser bħala ħanin fir-relazzjoni tiegħu mal-bniedem. Din hija s-solidarjetà sħiħa li Ġesù wera lejn il-bniedem. Is-solidarjetà ta' Ġesù mal-midneb ma kellhiex tkun waħda ta' kompliċità imma ta' għarfien fil-qrib tad-dgħufija tal-bniedem. Id-dnub qatt ma jiġġenera komunjoni u komprensjoni imma akkuża reċiproka. Ġesù qatt ma kien miftum mill-esperjenza personali tad-dgħufija tal-bniedem, tant li qagħad għall-prova tat-tentazzjoni, tal-impotenza u tal-mewt. Dan huwa mistqarr tant tajjeb f'Lhud 2:18: "Għax billi hu stess bata u kien imġarrab, jaf jgħin lil dawk li huma fit-tiġrib". Hekk l-awtur iħassar l-oġġezzjoni ta' min jirraġuna li Ġesù, għax huwa 'l fuq mill-anġli (dan stqarru l-awtur fl-ewwel kapitlu), huwa differenti mill-bniedem u għalhekk m'hux fi grad li jagħder id-dgħufija tagħna. Fi ftit kliem dawn iż-żewġ aġġettivi jgħaqqdu flimkien il-maestà ta' Alla u t-tħaddim tal-ħniena lejn il-mard tal-bniedem, żewġ kwalitajiet li qatt ma nfirdu fil-ħajja ta' Ġesù Kristu u li mmeritawlu li jkun saċerdot kbir li jisboq lil dawk ta' qablu.

Għalhekk il-medjazzjoni saċerdotali ta' Ġesù tinsab hawn: li poġġa flimkien dak li hu ta' Alla ma' dak li hu tal-bniedem. Għax kien mingħajr dnub, baqa' dejjem marbut ma' Alla u hekk wassal lid-dinja l-mogħdrija ta' Alla fit-tħaddim tas-solidarjetà lejn il-midinbin, li mingħajr biża' kien isejħilhom ħutu.

**Saċerdozju għal kollox ġdid**

Din in-novità tidher fid-diversi elementi ta' diskontinwità li joħorġu minn Lhud 5:1-10. Is-saċerdozju tat-Testment il-Qadim kien jitlob tant żelu lejn Alla li kien ifisser li wieħed jinfatam mill-bniedem midneb. It-tħabrik tar-reliġjon Lhudija kien jikkonsisti f'li wieħed iwarrab il-midneb mill-komunità. Anki l-istess sistema saċerdotali kienet mibnija fuq is-separazzjoni. Dan jidher ċar meta l-Art Imwiegħda ġiet imqassma fost it-tnax-il tribù ta' Israel. Kull wieħed mit-tribujiet ħa biċċa art, imma t-tribù ta' Levi ġie mħolli barra għaliex il-wirt ta' dan it-tribù kellu jkun Alla nnifsu u l-qadi tiegħu fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Minn dan it-tribù ta' Levi ġiet magħżula r-razza ta' Aaron biex minnha ġiet magħżula l-familja ta' Sadok, biex eventwalment minn fost is-Sadokiti

jinħatru s-saċerdoti u fosthom anki s-saċerdot il-kbir. Nistgħu ngħidu li kien hemm diversi passaturi li wieħed kellu jgħaddi minnhom biex jasal biex jaqdi l-ministeru saċerdotali fit-TQ. Dan kollu kien jistqarr li wieħed qiegħed jintagħżel minn fost l-oħrajn biex ikun kollu kemm hu ta' Alla, u bħala konsegwenza ma jkollux x'jaqsam mal-bniedem. Dan nistgħu niċċarawh jekk niftakru fil-parabbola tas-samaritan it-tajjeb, fejn għandna saċerdot u Levita li ma joqorbux lejn il-bniedem miġrub u miġruħ għaliex il-qadi tagħhom fit-Tempju ma kienx jippermettilhom li joqorbu lejn il-miżerja tal-bniedem, għax jitilfu l-idoneità tagħhom għas-servizz ta' Alla.

Mhux hekk kellu jkun Ġesù. Is-saċerdozju tiegħu kien kollu mibni fuq solidarjetà sħiħa mal-umanità midinba. Ma eskluda xejn minn dak kollu li jifforma d-dramma tal-ħajja tal-bniedem. Lhud 4:15 tistqarr b'mod ċar: "Għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub", u frott ta' dan "m'għadniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna".

Dan kollu jservi ta' pedament biex l-awtur Kristjan jagħmel l-eżortazzjoni tiegħu lill-komunità ta' Lhud-Insara. "Ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha… Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu". Dan huwa l-mument opportun biex dawn il-Kristjani jagħmlu l-qalb, għax qatt daqs dan il-mument il-medjazzjoni ma kienet tant effikaċi li tpoġġi lill-bniedem wiċċ imb'wiċċ ma' Alla fil-persuna ta' Ġesù Kristu.

**L-ordni ta' Aaron u l-ordni ta' Melkisedek**

Element ieħor ta' diskontinwità bejn is-saċerdozju tat-Testment il-Qadim u dak ta' Ġesù Kristu huwa mistqarr mill-kelmiet "skond l-ordni ta' Aaron" u "skond l-ordni ta' Melkisedek". L-ewwelnett ordni m'hux fis-sens ta' kmand imma bit-tifsira ta' format jew sura. Għalhekk għandna żewġ suriet ta' saċerdozju: dak skond il-format ta' Aaron u dak skond il-format ta' Melkisedek. F'Lhud 7:23 għandna mistqarr b'mod ċar li s-saċerdozju ta' Ġesù Kristu huwa skond Melkisedek, u dan huwa "saċerdozju li ma jmut qatt". Melkisedek huwa persunaġġ li niltaqgħu miegħu f'Ġenesi 14:18, li jagħmel offerta ta' ħobż u nbid f'isem Abraham bħala ringrazzjament lil Alla li kien seħħlu jeħles lil neputih Lot u l-ġid u l-familja kollha tiegħu. F'dan il-mument tan-nisġa tal-istorja tas-salvazzjoni ma kienx għadu sar il-Patt tas-Sinaj, u għalhekk dan is-saċerdot Melkisedek huwa aktar bikri u differenti minn dak ta' Aaron. It-tradizzjoni Lhudija żammet li dan is-saċerdot Melkisedek, li la nafu minn fejn ġie u lanqas it-tmiem tiegħu, kien saċerdot etern u m'hux marbut mal-ġeneoloġija. Dan jagħmlu differenti mis-saċerdozju ta' Aaron, li kien leġittimu dment li hemm ir-rabta tad-demm. Dan ipoġġi f'kuntrast is-saċerdozju ta' Aaron, li joriġina fil-bniedem, u dak ta' Melkisedek, li joriġina f'Alla.

L-awtur tal-Ittra lil-Lhud jikkwota Salm 2 u Salm 110. Dawn iż-żewġ salmi jorbothom flimkien għax iħossu ffavorit jagħmel dan mill-interpretazzjoni regali li l-ermenewtika Lhudija kienet tattribwixxi lil dawn iż-żewġ salmi. Jikkwota Salm 2:7: "Ibni int, jien illum nissiltek". U wara jikkwota Salm 110:4: "Int qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek". Jekk dawn iż-żewġ salmi jitkellmu t-tnejn fuq is-sultan, l-awtur jikkonkludi li ż-żewġ versi jistgħu jiġu applikati għal Ġesù Kristu. Għaldaqstant l-awtur jasal għall-konklużjoni li Gesù huwa saċerdot skond l-ordni ta' Melkisedek. Dan ifisser li s-saċerdozju ta' Ġesù Kristu m'għandux għeruq fil-bniedem, għax Ġesù kien mit-tribù ta' Ġuda u mhux mit-tribù ta' Levi. Għalhekk is-saċerdozju ta' Ġesù Kristu huwa saċerdozju perpetwu u etern, assigurat mill-ħalfa ta' Alla li qatt ma ġiet imreġġgħa

lura. Hekk tiġi msaħħa mill-ġdid ir-raġuni li għaliha dawk li jemmnu fi Kristu għandhom jibqgħu b'qalbhom qawwija, għax fi Kristu għandhom garanzija li jaslu għand Alla, frott tal-medjazzjoni eterna mwettqa fi Kristu saċerdot għal dejjem skond Melkisedek.

## Il-konsagrazzjoni u l-offerta ta' Ġesù Kristu

Element ieħor importanti li jiddistingwi s-saċerdoti tat-Testment il-Qadim minn Kristu bħala s-saċerdot il-kbir u "li hu tassew kbir", huwa l-mod tal-konsagrazzjoni tiegħu. Skond il-Levitiku, din il-konsagrazzjoni kienet issir permezz ta' serje ta' ġesti ritwali li jilħqu l-qofol tagħhom fl-offerta ta' iġsma fuq l-altar. Ġesù ma jagħmel xejn minn dan kollu, imma l-offerta tiegħu hija l-ħajja tiegħu nnifsu fil-mewt tiegħu. Hekk Ġesù jkun saċerdot u vittma fl-istess waqt. Is-saċerdozju ta' Ġesù Kristu kien saċerdozju tal-qalb, jiġifieri li jikkonvolġi l-ġewwieni l-aktar profond tal-bniedem, f'kuntrast mas-saċerdozju tat-Testment il-Qadim li qatt ma kien iħaddem il-qalb. Dan jidher ċar mit-testi tal-Levitiku, li meta jitkellmu fuq is-saċerdoti qatt ma jitkellmu fuq it-tħaddim tal-qalb fl-eżerċizzju ta' dan is-servizz fit-Tempju.

F'dan ir-rigward Ġesù laħaq il-perfezzjoni, għax il-mument tal-offerta tiegħu fuq is-salib kien l-aktar mument li fih ħaddem il-qalb u l-inqas mument li fih għamel ġesti ritwali. Il-konsagrazzjoni tiegħu bħala saċerdot il-kbir saret mhux frott ta' riti esterni imma frott taċ-ċirkonċiżjoni ta' qalbu, meta ġie mogħti kollu kemm hu b'fidwa għall-kotra. L-ittra lil-Lhud tevoka b'mod ċar mumenti mill-passjoni ta' Ġesù bħala l-quċċata tal-mixja tiegħu fl-umiltà u fis-solidarjetà lejn il-bniedem. Għandna referenza ċara għat-talba ta' Ġesù fil-Ġetsemani, kif ukoll l-għajta tal-Imsallab fil-mument tal-agunija u l-mewt tiegħu fuq is-salib. Ma nafux il-kontenut tat-talba, imma l-awtur tal-Ittra lil-Lhud jistqarr li din kienet talba b'fiduċja totali u magħmula b'devozzjoni profonda. Għaldaqstant nikkonkludu li Ġesù lil Alla Missieru ma talbux biex jeħilsu mill-prova, imma li Alla jbiddel it-tbatija f'mixja ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha.

Hekk huwa tħarreġ fl-ubbidjenza filjali u sar mudell tagħha. Dan ifisser li l-kollaborazzjoni tiegħu mal-pjan ta' Alla kienet waħda qatt imxellfa, u dan għamel li l-konsagrazzjoni saċerdotali tiegħu tkun perfetta ("u billi laħaq il-perfezzjoni"), jiġifieri li twettaq tabilħaqq il-medjazzjoni bejn Alla u l-bniedem.

Ġesù Kristu sar il-punt tal-laqgħa perfetta bejn Alla u l-bniedem. "Sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kulmin jisma' minnu". Il-mewt kienet tilfet il-qawwa tagħha fuqu, u issa fl-ubbidjenza tal-fidi aħna stajna nipparteċipaw u jkollna sehem minn din is-salvazzjoni li l-għejjun tagħha jinsabu fih. Din il-medjazzjoni saċerdotali ta' Kristu saret għajn ta' rikonċiljazzjoni għall-bnedmin kollha. Hekk tiġi mistqarra l-effikaċja tas-sagrifiċċju tiegħu magħmul darba għal dejjem u għal kulħadd!

# 4. IL-QARI TAL-ĦDUD TAL-AVVENT – SENA Ċ

| | L-Ewwel Qari | It-Tieni Qari | Il-Vanġelu |
|---|---|---|---|
| **1** | Ir-rimja ta' David<br><br>Ġer 33,14-16 | Nistennewh bil-ħerqa<br><br>1Tes 3,12-4,2 | Is-sinjali tat-tieni miġja<br><br>Lq 21,25-36 |
| **2** | Il-ferħ ta' Ġerusalemm<br><br>Bar 5,1-9 | Sħaħ għal jum il-Mulej<br><br>Fil 1,4-11 | Il-Prekursur<br><br>Lq 3,1-6 |
| **3** | Ifraħ, bint Sijon<br><br>Sof 3,14-18 | Ifirħu fil-Mulej<br><br>Fil 4,4-7 | Il-predikazzjoni tal-Battista<br><br>Lq 3,10-18 |
| **4** | Minn Betlehem tiġi s-salvazzjoni<br><br>Mik 5,2-5 | Ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek<br><br>Lhd 10,5-10 | Iż-żjara ta' Marija lil Eliżabbetta<br><br>Lq 1,39-48 |

# 5. GĦAJNUNA GĦALL-OMELIJA TAL-ĦDUD TAL-AVVENT

## 5.1. L-I ĦADD TAL-AVVENT: Lq 21:25—28,34-36

Dan il-Ħadd jiftaħ iż-żmien tal-Avvent, jiġifieri ż-żmien li fih aktar minn żminijiet oħra tas-sena liturġika ngħixu l-istennija tal-miġja glorjuża tal-Mulej Ġesù fl-aħħar taż-żminijiet. Fl-istqarrija tal-fidi tagħna aħna nistqarru li l-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna, ġie msallab, miet u fit-tielet jum qam mill-imwiet, u tela' s-Sema minn fejn għandu jerġa' jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin.

Din il-miġja fil-glorja tal-Mulej Ġesù hija element importanti tal-misteru Kristjan, għax dan il-jum kien imħabbar mill-profeti (Ġoel 1:15; 2:1,11) u mistqarr diversi drabi minn Ġesù nnifsu lid-dixxipli (Lq 10:12; 17:24). Dakinhar il-Mulej Ġesù jirrivela lilu nnifsu bħala s-sid tal-istorja kollha tal-umanità u tal-ħolqien kollu. Jitwettaq il-ġudizzju tal-ħajjin u l-mejtin, biex hekk isaltnu b'mod definittiv il-ġustizzja u l-verità.

Dan iġib miegħu faraġ u konsolazzjoni lil dawk kollha li fid-dinja qegħdin ibatu u jistennew b'fiducja din l-epifanija aħħarija tal-Mulej. L-Avvent huwa mument opportun biex inxandru t-tama lil dawk kollha li għejjew fil-ġlieda tal-ħajja. Dan huwa żmien ta' taħriġ fl-istennija u fit-tama ferrieħa, li matulu fil-Knisja tinstema' l-għanja tal-Knisja-għarusa tal-Apokalissi li fl-Ispirtu ssejjaħ lill-Mulej, waqt li tgħidlu: "Ejja, Mulej Ġesù! *Maranatha!*" (Apok 22:17; 1 Kor 16:22), filwaqt li tilqa' t-tweġiba żgura tiegħu: "Iva, jien dalwaqt ġej!" (Apok 22:20).

Fis-silta tal-vanġelu, f'dan l-ewwel Ħadd tal-Avvent, nisimgħu lil Ġesù nnifsu jħabbar il-miġja tiegħu bħala Bin il-Bniedem, jiġifieri mhux aktar fl-umiljazzjoni u fid-dgħufija tan-natura umana kif deher fostna fl-ewwel miġja, imma issa mlibbes bil-glorja fuq mudell tal-figura glorjuża ta' Bin il-Bniedem kif insibuha f'Danjel. Luqa 21 huwa diskors twil li joqrob lejn il-letteratura apokalittika tat-Testment il-Qadim. Huwa ħjiel ta' kemm kienet ħajja l-istennija tal-Mulej fl-ewwel komunitajiet Insara. Toħroġ ċara l-konvinzjoni li l-istorja miexja kontinwament taħt it-treġija ta' Alla lejn mument definittiv. Dan huwa twemmin tant qawwi li jżomm li Alla qiegħed imexxi l-poplu tiegħu lejn salvazzjoni sħiħa u definittiva. Id-delużjonijiet u l-kontradizzjonijiet tal-ħajja ma jseħħilhom qatt iġibu fix-xejn din it-tama, anzi jservu biex jippurifikawha u jagħmluha dak li tabilħaqq hi: tama f'salvazzjoni lil hemm minn din il-ħajja u minn din l-istorja. Il-fedeltà tal-Kristjan, li minkejja kollox jibqa' jittama, qatt m'hi mitlufa jew għalxejn. *"Imma xagħra waħda minn raskom ma tintilifx"* (Lq 21:18).

Ġesù jislet dan id-diskors mit-tħabbira li huwa jagħmel tal-qerda ta' Ġerusalemm u tat-Tempju tagħha: *"Kulma qegħdin taraw, għad jiġi żmien li ma tibqax ġebla fuq oħra minnu li ma tiġġarrafx"* (Lq 21:6). Dan il-ġudizzju ta' Ġesù fuq Ġerusalemm huwa ġudizzju fuq l-istorja kollha. Il-kejl u l-kriterju ta' dan il-ġudizzju, lil hemm mill-fatti partikulari, jibqa' wieħed: kemm il-bniedem f'kull żmien huwa lest li jilqa' l-pjan ta' Alla. Kontinwament meħtieġ li nagħmlu l-kontijiet mat-tmiem biex nifhmu l-mument li qegħdin ngħixu fih.

Din id-dehra tal-Mulej hija ppreżentata bħala mument drammatiku li għandu jistimola kull bniedem f'kull żmien. Ġesù jsemmi sinjali fin-natura li jindikaw dan it-tmiem li sa

jwassal għal bidu ġdid. Għad ikun hemm sitwazzjonijiet ta' kriżi fost il-bnedmin qabel ma' dawn isibu lilhom infushom quddiem il-ġudizzju, biex jinkixfu l-għemejjel moħbija tagħhom lejn ħuthom il-bnedmin.

Dakinhar jidher *"Bin il-bniedem ġej fi sħaba, b'qawwa u glorja kbira"*. Dan għandu jkun sinjal li jhenni lid-dixxipli li jkunu baqgħu fidili lejn il-Mulej, għax sa tidher ir-rebħa tiegħu li sa issa tidher moħbija. Huma sa jkunu mistiedna jikkontemplaw b'qalbhom qawwija u b'rashom merfugħa l-miġja (avvent) ta' dak il-jum biex jaraw imwettqa l-wegħdiet kollha ta' Alla u l-ħelsien minn kull ħakma tal-ħażen. Dakinhar l-istorja kollha tinħeles mill-ħażen u l-istrutturi kollha tiegħu, li sa issa kienu jxekkluha, biex hekk tkun tista' takkwista l-milja tal-perfezzjoni u tinġabar kollha kemm hi fi Kristu li jressaqha quddiem Alla Missieru.

Il-ħsieb wara dawn il-kelmiet ta' Ġesù m'hux intenzjonat bl-ebda mod biex iqanqal reazzjoni ta' biża', imma li jiġu mifhuma bħala tħabbira li tagħti sens veru lil kull bniedem li jħossu jitqabad biex jifdi lilu nnifsu u l-istorja tiegħu u ta' dawk ta' madwaru. Il-ġustizzja sa tirbaħ kull inġustizzja li sa issa kienet preżenti, u dawk kollha li sfaw vittma tagħha għad jirċievu l-hena ta' dejjem.

Quddiem din il-ġrajja tal-ġejjieni nistgħu niddubitaw jew naħsbu li sa tiddawwar. Imma l-Avvent jixgħel f'qalbna ċ-ċertezza li sa tasal żgur. *"Għax ftit ieħor, ftit ħafna, u dak li għandu jiġi ma jdumx ma jiġi"* (Lhud 10:37). *"Dan għandkom tkunu tafu, ħuti għeżież: li quddiem il-Mulej jum wieħed hu bħal elf sena, u elf sena bħal jum wieħed. Mhux għax jiddawwar il-Mulej li jtemm il-wegħdiet tiegħu, kif jaħsbu xi wħud, imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi ħadd jintilef, imma li kulħadd jersaq għall-indiema. Jasal, tabilħaqq, Jum il-Mulej bħal ħalliel; jintemmu mbagħad is-smewwiet bi ħsejjes kbar, jinħallu bin-nar l-elementi tad-dinja, u l-art b'kulma fiha tkun maħruqa min-nar"* (2 Piet 3:8-10).

Bħala Kristjani aħna msejħin nilqgħu l-ordni tal-versi 34 u 36 u hekk nishru, u nkunu attenti ħalli nevitaw li ninstabu mitlufa u mkaxkra qalb ħafna preokkupazzjonijiet tal-ħajja, bil-konsegwenza li nitilfu l-laqgħa aħħarija tagħna mal-Mulej. Meħtieġ li nitħabtu biex il-qalb tagħna ma titgħabba qatt iżżejjed, għax faċli li ssir insensibbli u tidħol f'raqda li ttellifha l-fidwa. Luqa jsemmi *"l-ikel, u x-xorb żejjed u s-sokor, u ħafna tħassib għall-ħtiġijiet tal-ħajja"*.

Waqt li jippreżenta dan ir-riskju Ġesù jindika wkoll l-istrumenti li jistgħu jservu ta' għajnuna fit-taqbida: *"Ishru u itolbu l-ħin kollu"*. Is-sahra u t-talb ipoġġu lill-Kristjan sa minn issa stess fil-preżenza tal-Mulej, u bħala konsegwenza jakkwista l-kapaċità li jżomm fuq riġlejh biex ikun jista' jidher quddiem Bin il-Bniedem fil-jum tal-ġudizzju.

Għaldaqstant l-Avvent huwa żmien qawwi megħjux mill-Knisja kollha biex tħarreġ lil uliedha biex b'impenn jistennew il-Mulej, għatxanin li jikkontemplaw il-ħwejjeġ li ma jidhrux sa minn issa stess. Hekk kull imgħammed jikber fir-responsabbiltà u fl-impenn tiegħu, għax jaf li sa jkun iġġudikat fuq l-imġieba tiegħu. Xieraq li f'dan iż-żmien inwasslu lill-komunitajiet tagħna biex jirriflettu onestament u jistaqsu jekk hux tabilħaqq qegħdin jistennew lill-Mulej li riesaq u jekk jixtiqux tabilħaqq jiltaqgħu miegħu. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuna biex jitrawwam stil ta' ħajja li jagħti raġun lit-tama li hemm f'qalbna, u li jissarraf b'impenn insistenti biex nifdu l-istorja tal-bnedmin u nagħmluha dejjem aktar umana.

## 5.2. IT-II ĦADD TAL-AVVENT: Lq 3:1-6

Anki f'dan it-tieni Ħadd tal-Avvent il-Kelma ta' Alla tistedinna biex inkomplu nimmeditaw il-miġja glorjuża tal-Mulej fl-aħħar taż-żminijiet. Dan tgħinna nagħmluh bl-għajnuna tal-figura ta' Ġwanni l-Battista.

Din il-figura hija mmarkata bl-itwal dettall storiku li nsibu fl-opra ta' Luqa. Luqa huwa kkonfermat fid-dettalji ta' kronoloġija li jagħtina minn diversi skrizzjonijiet u xhieda oħra antika. Imma aktar milli jagħtina kwadru kronoloġiku (f'dan ir-rigward kien biżżejjed dettall wieħed), Luqa ried jippreżentalna l-Palestina maqsuma u maħkuma mill-barrani. F'kuntest bħal dan il-ġrajja ta' Ġesù tinsab fil-qalba tal-istorja u għandha tifsira mhux biss għal-Lhud imma għall-popli kollha.

Imma hawnhekk, aktar mill-ġrajja ta' Ġesù, jagħtina ġrajja bil-wisq aktar sempliċi u moħbija: *"Il-kelma tal-Mulej ġiet fuq Ġwanni, bin Żakkarija, fid-deżert"*. F'mument preċiż tal-istorja Ġwanni jaċċetta li jkun strument tal-Kelma ta' Alla u medjatur tal-qawwa tagħha fl-istorja. Il-kobor tiegħu jidher fil-fatt li neżża' u xejjen lilu nnifsu, biex hekk ikun jista' jadegwa ruħu biex jisma' u jgħix dejjem b'attenzjoni u reqqa dak li din il-Kelma trid taħdem fih. Dan hu li jseħħ fl-istorja, fit-tiswir tan-nisġa tagħha magħmula minn ġrajjiet kemm mistennija u kemm qatt mistennija. Hija storja mmarkata mill-arroganza u l-prepotenza tal-politika Rumana li jitħalltu mal-intrigi tal-ġerarkiji reliġjużi Lhud li bħal donnhom jikkontradixxu l-pjan ta' salvazzjoni ta' Alla għax mingħalihom huma l-protagonisti ewlenin u waħdanin tal-istorja kollha.

Hekk fil-vanġelu tal-lum tiddi l-verità li l-vera protagonista hija l-Kelma ta' Alla. Permezz tas-smigħ ubbidjenti u r-rieda tal-bniedem li jħalliha ssir laħam f'ħajtu, Ġwanni jsir profeta li jħabbar li fl-istorja sa tinkiteb ġrajja ta' salvazzjoni kontra kull aspettattiva u evidenza umana.

Il-ġrajja ta' Ġwanni sseħħ fid-deżert, post fejn wieħed faċli jasal biex jgħix ħajja sempliċi. Hija ħajja ta' solitudni megħjuxa bħala kundizzjoni li fiha Alla jmexxina biex nisimgħu aħjar il-leħen tiegħu li dejjem ifittex li jkellem lil qalbna (Ħos 2:16). Ġwanni jgħix f'dan id-deżert *"sa dakinhar li ħareġ quddiem Israel"* (Lq 1:80), meta bħala leħen tal-Kelma *"ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet"*. Isejjaħ b'qawwa għall-konverżjoni, jiġifieri li jerġgħu lura fuq triqet Alla billi jħaddnu bidla fil-mentalità li kapaċi twassal għall-frott konkret li jixraq lill-indiema.

Għandna quddiemna figura li tiċċaħħad minn kull protagoniżmu uman. L-isforz essenzjali ta' Ġwanni kellu jkun dak li jiddisponi minn kollox biex *"jgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni permezz tal-maħfra ta' dnubiethom"*, kif stqarr missieru Żakkarija fit-twelid straordinarju tiegħu (Lq 1:77). Il-profezija li sa minn diversi sekli kienet siktet f'Israel terġa' tidwi mill-ġdid fi Ġwanni. Biex jesprimi l-missjoni tal-Battista, Luqa jirreferi għal siltiet mill-Iskrittura waqt li jikkwota l-oraklu tal-profeta Isaija: *"Leħen jgħajjat: 'Ħejju t-triq għall-Mulej fid-deżert, wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri. Jintradam kull wied, u jitniżżlu l-muntanji u l-għoljiet; kull art imħabbta titwitta, kull art imħarbta ssir maqgħad. U tfiġġ il-glorja tal-Mulej, u l-bnedmin jarawha lkoll f'daqqa, għax fomm il-Mulej tkellem'"* (Is 40:3-5). Dawn huma kelmiet ta' konsolazzjoni kbira li jattwalizzaw it-tħabbira tal-Eżodu definittiv li ħejja Alla għall-poplu tiegħu eżiljat, u li kien wasal il-waqt li jerġa' lura lejn artu.

F'dan l-Avvent dawn il-kelmiet għandhom iservuna bħala eżortazzjoni mħeġġa għal kull min irid jgħix il-Vanġelu. Fuq l-eżempju ta' Ġwanni l-Kristjan huwa msejjaħ biex jipprepara kuljum triq fir-ramel ta' qalbu, waqt li jbaxxi l-għoljiet tal-egoiżmu u tas-suppervja u jimla l-widien tal-qtigħ ta' qalb tiegħu. U din it-taqbida qawwija għandha bħala għan li twassal biex jiġi mifhum li x-xewqa profonda ta' Alla hija s-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, liema xewqa titwettaq b'mod sħiħ bil-miġja tal-Mulej glorjuż fl-aħħar taż-żminijiet. *"U l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla"* (Lq 3:6).

B'mod unanimu t-tradizzjoni tal-vanġeli Sinottiċi kollha tinterpreta l-predikazzjoni ta' Ġwanni fid-dawl tal-profezija ta' Is 40:3-4. Imma Luqa jżid: *"U l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla"* (Lq 3:6). Luqa ma jitlifx okkażjoni biex jisħaq l-universalità ta' din il-fidwa. Minkejja li hija kelma storika — fiż-żmien u f'post partikulari — tibqa' kelma universali li tappella għall-bniedem f'kull żmien.

## 5.3. IT-III ĦADD TAL-AVVENT: Lq 3:10-18

Anki f'dan il-Ħadd ix-xhieda ta' Ġwanni l-Battista tkompli tħeġġiġna u tqawwina biex ngħixu l-istennija tagħna għall-Mulej li riesaq u li huwa fil-qrib. Bil-predikazzjoni tiegħu Ġwanni jipprepara t-triq għall-Mulej billi jqanqal il-konverżjoni fil-ħajja ta' ħafna, tant li jqanqal fihom il-mistoqsija: *"Mela x'għandna nagħmlu?"*. Din il-mistoqsija hija ta' attwalità kbira fin-nisġa tal-vanġelu ta' Luqa, għax għalih l-imminenza tal-Ġudizzju hija karatteristika mhux tat-tmiem imma ta' kull mument tal-istorja. Bil-wasla tal-Kelma ta' Alla li saret laħam u daħlet fl-istorja, kull ġrajja u kull mument saru opportuni biex tidher fihom il-fidwa u mogħnija b'tant possibbiltajiet.

Din il-mistoqsija għandha tkun ukoll tal-komunità tal-fidi, speċjalment f'dan iż-żmien tal-Avvent. Ilkoll aħna konxji li m'hux biżżejjed li nġorru l-isem ta' Kristjani, imma fuq kollox meħtieġ li nkunu hekk tabilħaqq. Lil dawn it-tliet kategoriji li marru għand Ġwanni — il-folla, is-suldati u l-pubblikani — joffrilhom l-esiġenzi fundamentali neċessarji għal kull mixja awtentika ta' konverżjoni.

Jipproponi lill-folla l-imħabba fraterna u l-kondiviżjoni tal-ġid li wieħed ikollu: *"Min għandu żewġt ilbiesi jaqsam ma' min m'għandu xejn, u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess"*. Dan ifisser li wieħed jitħarreġ biex ma jżommx il-ġid li jkollu b'atteġġjament egoista billi jużah mingħajr l-oħrajn jew kontra l-oħrajn. Min irid jikkonverti bis-serjetà meħtieġ li jara l-ħtiġijiet tal-oħrajn u, imqanqal mill-ħniena, jasal biex jaqsam dak li jkollu. L-ieħor huwa ħija, iben tal-istess Missier (Mt 23:8), u dan jeħtieġ li jissarraf f'relazzjoni ta' ġustizzja u mħabba miegħu. Dak li għandu jinqasam fil-ħajja Kristjana m'huwiex biss il-ġid li wieħed ikollu imma wkoll dak kollu li wieħed hu, jiġifieri l-istess ħajja tiegħu, għax Ġesù tkellem ċar meta talab li wieħed jagħti ħajtu għall-oħrajn anki sal-mewt. *"Ħadd m'għandu mħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għall-ħbiebu"* (Ġw 15:13).

Lill-pubblikani Ġwanni jipproponilhom mhux li jbiddlu x-xogħol tagħhom, imma li ma jħallux li jsiru korrotti u japprofittaw mill-pożizzjoni tagħhom. Jistieden biex ħadd ma jippretendi xejn, jiġifieri li ma jitlobx dak li l-oħrajn ma jistgħux u m'għandhomx jagħtu. Fl-esperjenza tagħna ta' kuljum aħna nitolbu u nippretendu li l-oħrajn ikunu midjuna magħna, biex hekk neżerċitaw il-poter tagħna fuqhom, bil-konsegwenza li nistrumentalizzawhom.

Lis-suldati qalilhom biex ma jidħlux f'theddid u qerq, u ma jagħmlux vjolenza ma' ħadd. B'mod ġenerali jwaqqaf kull atteġġjament ta' abbuż tal-qawwa tagħhom. Meħtieġ li nirrispettaw is-suġġettività tal-ieħor, l-uniċità tiegħu u l-kwalità ta' doni li ġew mogħtija lil kulħadd.

Is-silta tal-vanġelu tagħlaq billi turina li Ġwanni, meta ntebaħ li n-nies kienet qiegħda tinġibed u tintrabat dejjem aktar miegħu, fittex li jwarrab għall-ġenb u indirizzahom lejn dak li huwa aqwa minnu. Jaf biżżejjed li m'huwiex il-Messija, u għalhekk it-tweġibiet tiegħu m'huwiex eżawrjenti. Huwa jista' jistieden biss in-nies għall-konverżjoni u biex ifittxu l-valuri veri, imma ma jista' jagħmel xejn aktar, għax bħala bniedem huwa limitat. Imma dak li ġej warajh sa jgħammed *"bl-Ispirtu s-Santu u n-nar"*. Ġwanni jaf li għalkemm huwa kbir bħala bniedem, ma jasal qatt biex isalva lilu nnifsu waħdu. Ġwanni fehem li l-ebda bniedem m'huwa biżżejjed għalih innifsu, għax kull bniedem huwa fil-ħtieġa urġenti li jiltaqa' ma' Ġesù. Ġesù waħdu jista' jissodisfa

l-aspirazzjonijet tal-bniedem, u fih isib il-milja tal-ħajja li mingħajrha xejn ma jkollu sens u tifsir, u kull sforz ta' impenn jisfa' fix-xejn. Għaldaqstant kellu jkun wieħed minn tal-ewwel li jilqa' b'mod eżistenzjali lil Kristu u jkun prekursur għalih anki fil-mewt inġusta, biex jaqsam miegħu wkoll il-glorja eterna. B'dan il-mod Luqa jagħlaq il-ġrajja ta' Ġwanni filwaqt li jantiċipa l-ġrajja tal-martirju tiegħu (Lq 3:19-20).

Il-Mulej huwa fil-qrib u Ġwanni jħabbar li sa jkun imħallef qalil, li jifred in-nagħaġ mill-gidien. Ġwanni jħoss li quddiem Ġesù m'għandu xejn aktar x'jagħmel għajr li jwarrab biex jidher hu. Jekk Ġwanni kien l-akbar fost dawk li twieldu min-nisa, Ġesù kien l-Iben ta' Alla, dak li għandu s-setgħa li jifdi lill-bniedem u jwasslu għall-ħajja eterna, u li quddiemu jilwi rkobbtejh waqt li jistqarru bħala l-Mulej waħdieni u ewlieni tal-ħajja tiegħu. Fih nistgħu nimtlew bil-ferħ li ħadd u xejn ma jkun jista' jeħodulna. Dan huwa l-Milied li jinsab tant fil-qrib.

Fl-imminenza tal-Milied ma nistgħux nibqgħu torox għall-Kelma ta' Alla. Nistgħu nagħżlu li naħarbu mill-ġudizzju ta' Alla u jkun jistħoqqilna nissejħu *"nisel il-lifgħat"*. Aħna wkoll nistgħu naħsbu li huwa suffiċjenti li ngħidu li aħna Kristjani u nafdaw fl-appartenenza għall-Knisja biex inkunu meħlusa minn kull impenn serju ta' konverżjoni. Għal kull preżunzjoni ta' awtoġustifikazzjoni Ġwanni jfakkar li Alla jista' jqajjem ulied anki mill-ġebel (Lq 3:8). Alla għandu s-setgħa li jiddisponi minn kollox biex ibiddel il-qalb tagħna tal-ġebel f'qalb tal-laħam (Eżek 11:19; 36:26). Jalla din tkun l-esperjenza tagħna fil-bqija ta' dan l-Avvent!

## 5.4. IR-IV ĦADD TAL-AVVENT: Lq 1:39-48

Wasalna fir-raba' Ħadd tal-Avvent, u hija fil-qrib it-tifkira tal-miġja tal-Mulej Ġesù fis-sura ta' bniedem bħalna, liema miġja hija rahan tat-tieni miġja tiegħu fil-glorja. Dak li diġà ġie għad jerġa' jiġi, hekk li t-tama m'hix sa tqarraq bina. Wara li kkontemplajna dak li ġej fit-tmiem taż-żminijiet, u li kien imħabbar fil-ministeru ta' Ġwanni l-Battista, illum il-liturġija tipproponilna li nimmeditaw iż-żjara ta' Marija lil Eliżabetta: il-Messija Ġesù, fil-ġuf ta' Marija, jittrasfigura l-laqgħa ta' bejn dawn iż-żewġ nisa. Il-preżenza moħbija tiegħu ssir għajn ta' ferħ u barka, kif ukoll okkażjoni biex Ġwanni jwassal u jistqarr l-għarfien tal-misteru li kien preżenti fil-ġuf ta' Marija.

Marija għadha kif irċeviet mill-anġlu l-aħbar tal-maternità straordinarja tagħha: *"L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla"* (Lq 1:35). Hija obdiet b'ġenerożità għas-sejħa ta' Alla u wieġbet: *"Hawn jien!"*. Mill-ewwel din it-tfajla żagħżugħa ta' Nazareth, li kienet saret l-Arka, jiġifieri għamara tal-Mulej, tmur lejn l-għoljiet tal-Lhudija biex iżżur lil Eliżabetta. Din, minkejja li ma setax ikollha tfal, għandha tqala ta' sitt xhur, frott tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, *"għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir"*. Marija tagħmel dan il-vjaġġ bl-għaġġla, għax hija misjuqa mill-urġenza eskatoloġika ta' dak li hija ġġorr fil-ġuf tagħha. Hija misjuqa mix-xewqa li taqsam dan id-don hekk kbir: għalhekk il-vjaġġ tagħha huwa vjaġġ missjunarju, jew aħjar, vjaġġ ta' karità li jagħmilha missjunarja. Misjuqa mill-imħabba hija trid turi b'mod konkret is-solidarjetà tagħha lejn din l-anzjana u hekk twasslilha lil Kristu preżenti f'ġufha.

*"Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha t-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha, u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu"*. Il-leħen ta' Marija jnissel ferħ kbir, tant li Ġwanni jaqbeż bil-ferħ. L-istennija tal-poplu ta' Israel issib il-milja tagħha, u l-fdal ta' Israel li jafda biss f'Alla jikkontempla l-miġja tal-Mulej fil-paċi u fil-ġustizzja. Permezz ta' Marija, mimlija bl-Ispirtu s-Santu, isseħħ il-wegħda indirizzata mill-anġlu lil Żakkarija: *"Għax hu jkun kbir quddiem il-Mulej, ma jkun jixrob ebda nbid jew xorb qawwi, u jimtela bi spirtu qaddis sa minn ġuf ommu"* (Lq 1:15). Il-prekursur sa minn issa jwettaq il-ministeru tiegħu għax jagħraf lil Ġesù u juri lil Eliżabetta li Marija hija omm il-Mulej.

Il-laqgħa bejn Marija u Eliżabetta hija laqgħa ta' umanità kbira bejn dawn iż-żewġ nisa li jilqgħu lil xulxin. Hija laqgħa li tgħallem il-gratuwità — dak l-atteġġjament li jippermettilek li tospita lill-ieħor ġewwa fik, waqt li tiddisponi lilek innifsek biex tagħraf il-vokazzjoni li l-Mulej qiegħed iwassallek. Hekk iseħħ dan il-bdil ta' doni: għat-tislima ta' Marija l-Ispirtu jimla lil Eliżabetta, li min-naħa tagħha twieġeb bil-barka tagħha: *"Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek!"* (Lq 1:42), u wara żżid: *"U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?"*. Jekk David quddiem l-Arka jistagħġeb u jgħid: *"Kif jista' jkun li l-Arka tal-Mulej tidħol għandi?"* (2 Sam 6:9), daqstant ieħor dawn il-kelmiet ta' Eliżabetta juru li Marija hija tabilħaqq l-għamara tal-preżenza ta' Alla, għaliex iġġorr f'ġufha lil Alla magħmul bniedem. Luqa jqiegħed fuq xofftejn Eliżabetta espressjoni li kienet tingħad għan-nisa eroj tat-Testment il-Qadim, u jpoġġi dan kollu f'kuntest liturġiku. *"U Għużżija qalilha: 'Imbierka inti, binti, minn Alla l-Għoli, imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja…'"* (Ġud 13:18). F'dan kollu jinstama' l-eku tal-qima li kellha l-Knisja tal-bidu lejn Marija.

Fl-aħħarnett Eliżabetta tistqarr: *"Hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej!"*. Il-kobor veru ta' Marija jinsab fil-fidi tagħha. Hija taċċetta b'qalbha kollha l-wegħdiet ta' Alla bir-riżultat li tofroq orizzonti li umanament huma impossibbli, u hekk tagħmel wisa' fiha nfisha għall-bniedem li Alla biss seta' jagħti! U għaliex Marija għarfet l-għeġubijiet li Alla wettaq fiha u li Eliżabetta tistqarr u tixhed għalihom, hija tinfexx fl-innu ta' ringrazzjament, l-innu tal-*Magnificat*. Marija għamlet wisa' f'kollox għal Alla u Alla wettaq fiha ħwejjeġ kbar.

Il-preżenza ta' Kristu f'kull wieħed minna (Gal 2:20) jeħtieġ li tittrasfigura l-ħajja tagħna, u tagħmel minna okkażjoni ta' ferħ u ta' salvazzjoni għal kull bniedem li niltaqgħu miegħu; dan hu li niftakru fih waqt li nippreparaw biex niċċelebraw il-Milied li huwa fil-qrib.

# 6. NOVENA TAL-MILIED

## *Storja ta' Familja Żagħżugħa*

**Temi:**

1. Marija u Ġużeppi jinġibdu lejn xulxin.
2. Marija u Ġużeppi jħobbu lil Alla u jisimgħu l-Kelma tiegħu.
3. Marija tmur tgħin lil qaribtha Eliżabetta li kienet xiħa.
4. Ġużeppi ma jistax jifhem lil Marija u jkun sa jitlaqha.
5. Marija u Ġużeppi jinżlu Betlehem biex jobdu l-liġi tal-istat.
6. Marija u Ġużeppi jinsabu f'diffikultà – ma jistgħux isibu post fejn jitwieled Ġesù.
7. Ġesù jitwieled f'għar tal-annimali.
8. Ir-rgħajja u l-maġi jiġu jifirħu lill-familja ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.
9. Marija u Ġużeppi immigrati fl-Eġittu.

## 6.1. L-Ewwel Jum – 15 ta' Diċembru 2009

**Tema**: Marija u Ġużeppi jinġibdu lejn xulxin.

**Skop**: Insiru aktar konxji mis-sejħa għall-imħabba.

**Sinjal**: Tallit/Kippà/Velu (oġġetti marbuta maċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ Lhudi).

**Kelma ta' Alla**: Apokrifu — San Ġakbu: Ir-rakkont tat-tieġ ta' bejn Ġużeppi u Marija.

**Ġest**: Kulmin hu preżenti jieħu b'idejn xulxin waqt il-ħin tal-paċi. Dan għandu jkun sinjal tal-imħabba ta' bejnietna bħala komunità waqt li nwiegħdu lil xulxin li sa nitolbu għal xulxin. Il-paċi tista' ssir dritt wara t-talbiet tal-fidili.

**Attwalizzazzjoni tat-tema**: Bżieżaq forma ta' qalb, b'messaġġ ta' mħabba miktub fuqhom meħud mill-Ewwel Ittra lill-Korintin (eż: "L-imħabba tissaporti, l-imħabba taf tħenn"). Grupp ta' tfal jersqu lejn l-altar bil-bżieżaq f'idejhom. Wieħed wieħed jgħollu l-bużżieqa biex jidher il-messaġġ li hemm fuqha waqt li s-saċerdot jaqra l-messaġġ u jagħmel riflessjoni fuqu. Wara l-omelija t-tfal joħorġu fuq iz-zuntier u jitilqu l-bżieżaq biex inxerrdu dan il-messaġġ ta' mħabba.

**Għanja għal-lum:** Ejja, Mulej Ġesù.

---

**Oġġetti meħtieġa:**

- Silta: Apokrifu fuq ir-rakkont tat-tieġ ta' Marija u Ġużeppi.
- Għanja: Ejja, Mulej Ġesù.
- Tallit (speċi ta' maktur kbir li taħtu jsir it-tieġ tal-Lhud, li jintuża wkoll għat-talb tal-Lhud).
- Kippà (il-karlotta li l-Lhud iżommu fuq rashom u li jilbsu l-irġiel biex jiżżewġu biha).
- Velu kbir.
- Numru ta' bżieżaq b'siltiet mill-innu tal-imħabba miktub fuqhom. Possibbilment minfuħin bil-*helium* jew gass eħfef mill-arja biex wara jkunu jistgħu jiġu mħollija jtiru.

**Avviżi għall-għada:**

- Il-familji kollha jġibu magħhom il-Bibbja għan-Novena. Tista' tkun anki b'lingwa oħra.

## 6.2. <u>It-Tieni Jum – 16 ta' Diċembru 2009</u>

**Tema**: Marija u Ġużeppi jħobbu lil Alla u jisimgħu l-Kelma tiegħu.

**Skop**: Nistgħu nisimgħu lil Alla jkellimna permezz tal-Kelma, l-Iskrittura.

**Sinjal**: L-ambone mżejjen bil-Kelma ta' Alla fuqu. / *Bookmarks* b'versi differenti mis-Salm 119 li sa jitqassmu waqt l-attwalizzazzjoni tat-tema. Jekk ikun mobbli l-*ambone* jista' jitressaq fin-nofs.

**Kelma ta' Alla**: Luqa 1:26-38.

**Ġest**: Il-membri tal-komunità sa jkunu vżati minn ġurnata qabel biex iġibu magħhom il-Bibbja. Wara l-omelija ssir ċerimonja fejn il-familja/min ġab il-Bibbja miegħu jersqu lejn l-altar bil-Bibbja f'idejhom u l-qassis ibierek lill-familja/individwi li għandu ħdejn l-altar.

**Attwalizzazzjoni tat-tema**: Meta l-persuni jersqu lejn l-altar il-qassis jieħu *bookmark*, jaqra l-vers ta' fuqha, jagħtiha lill-familja/individwi bħala tifkira ta' dan il-jum u jberikhom. Niftakru li l-Kelma ta' Alla hija d-dawl ta' ħajjitna.

Waqt din iċ-ċerimonja jista' jitkanta l-innu *Il-Kelma tiegħek*.

**Għanja għal-lum**: Ġa kien wasal iż-żmien.

---

**Oġġetti meħtieġa:**
- Silta: Lq 1:26-38.
- Għanja: Ġa kien wasal iż-żmien.
- *Bookmarks* bi frażijiet mis-Salm 119.

**Avviżi għall-għada:**
- Il-ġabra li ssir fin-Novena ta' għada sa tmur għall-karità.

## 6.3. <u>**It-Tielet Jum – 17 ta' Diċembru 2009**</u>

**Tema**: Marija tmur tgħin lil qaribtha Eliżabetta li kienet xiħa.

**Skop**: Nitħeġġu biex inkunu qaddejja ta' xulxin.

**Sinjal**: Fardal, żinġla u buqar.

**Kelma ta' Alla**: Luqa 1:39-45,56.

**Ġest**: Bħala sinjal ta' għajnuna l-ġbir li jsir fil-Quddiesa tal-lum imur għall-karità (importanti li n-nies ikunu vżati minn ġurnata qabel). Il-qoffa tal-ġbir illum timxi minn persuna għall-oħra u kulħadd jagħmel l-għotja tiegħu.

**Attwalizzazzjoni tat-tema**: Waqt li jkun qed isir il-ġbir importanti li fil-Knisja jkun hemm ġabra, il-komunità tqum bilwieqfa u jitkanta l-*Magnificat*.

**Għanja għal-lum**: Dalwaqt jitwieled tfajjel żgħir.

## 6.4. <u>Ir-Raba' Jum – 18 ta' Diċembru 2009</u>

**Tema**: Ġużeppi ma jistax jifhem lil Marija u jkun sa jitlaqha.

**Skop**: Naċċettaw lil dawk li ma jaqblux magħna.

**Sinjal**: Borġ ġebel impoġġi fl-art quddiem l-altar, li għalina ma jfisser xejn iżda fi żmien Ġesù kien jintuża biex iħaġġru bih lil xi mara li tidneb.

**Kelma ta' Alla**: Mattew 1:19-25.

**Ġest**: Ċagħak żgħir ippreparat minn qabel b'messaġġ fuqu (eż: "Mulej, urini t-triqat tiegħek"). F'xi ħin waqt il-funzjoni kull persuna preżenti tersaq lejn l-altar u tieħu ċagħka li jkollha messaġġ. Din tittieħed id-dar bħala tifkira.

**Attwalizzazzjoni tat-tema**: Tintwera parti mill-film *Nativity* fejn Ġużeppi huwa indeċiż jekk jiħux lil Marija b'martu jew le. Waqt li n-nies jersqu lejn l-altar tinstema l-kanzunetta *Here I am, Lord.* Idealment titkanta *solo* akkumpanjata mill-orgni tal-knisja, u r-ritornell jitkanta mill-ġemgħa.

**Għanja għal-lum**: *Here I am, Lord.*

---

**Oġġetti meħtieġa:**

- Silta: Mt 1:19-25.
- Għanja: *Here I am, Lord.*
- Ħafna ċagħak bil-messaġġi miktuba fuqhom, daqskemm hemm nies.
- Film *Nativity*, *projector*, *sound system*, skrin.

## 6.5. Il-Ħames Jum — 19 ta' Diċembru 2009

**Tema**: Marija u Ġużeppi jinżlu Betlehem.

**Skop**: Nobdu fuq kollox lil Alla, u lill-istat, sakemm il-liġi ma tmurx kontra dik ta' Alla.

**Sinjal**: Skroll li juri s-sejħa tal-poplu biex imorru għaċ-ċensiment. / Ix-*shofar* — il-qarn.

**Kelma ta' Alla**: Luqa 2:1-5.

**Ġest**: Bħala sinjal ta' ubbidjenza kulħadd jersaq lejn l-altar, jagħmel reverenza u jpoġġi ftit inċens ġo bwieqi żgħar tal-fuħħar bħala sinjal ta' qima 'l Alla.

**Attwalizzazzjoni tat-tema**: Innu ta' tifħir lil Ġesù Tarbija li għadu jrid jitwieled.

**Għanja għal-lum**: O Ġesù, ħelwa tarbija.

---

**Oġġetti meħtieġa:**
- Silta: Lq 2:1-5.
- Għanja: O Ġesù, ħelwa tarbija.
- Skroll jew *shofar*.
- Erba' bwieqi żgħar tal-fuħħar bil-faħam jaqbad fihom, inċens biex jitfgħuh in-nies preżenti.

## 6.6. <u>Is-Sitt Jum — 20 ta' Diċembru 2009</u>

**Tema**: Marija u Ġużeppi jinsabu f'diffikultà — ma jistgħux isibu post fejn jitwieled Ġesù.

**Skop**: Nagħrfu li xi drabi qed nagħlqu l-bieb lil Ġesù.

**Sinjal**: Bieb magħluq.

**Kelma ta' Alla**: Ġwanni 1:1-5,10-15.

**Ġest**: Illum sa titqssam santa ta' Ġesù jħabbat fuq il-bieb ta' qalbna. Fuq wara tas-santa jkun hemm it-talba ta' Santu Wistin *Lilek biss inħobb, Mulej*, meħuda minn *Dari dar it-talb tissejjaħ*, paġna 51. It-talba tinqara minn kulħadd f'xi ħin waqt iċ-ċelebrazzjoni.

**Attwalizzazzjoni tat-tema**: Mima tar-rakkont meta Marija u Ġużeppi kienu qed ifittxu post fejn jitwieled Ġesù.

**Għanja għal-lum**: Kemm għandna ferħ ġo qalbna.

---

**Oġġetti meħtieġa:**

- Silta: Ġw 1:1-5,10-15.
- Għanja: Kemm għandna ferħ ġo qalbna.
- Bieb tal-injam jew tal-ġablo.
- Santi bit-talba ta' Santu Wistin.
- Tfal li jagħmlu l-mima.

## 6.7. Is-Seba' Jum — 21 ta' Diċembru 2009

**Tema**: Ġesù jitwieled f'għar tal-annimali.

**Skop**: Nifthu qalbna biex nilqgħu lil Ġesù.

**Sinjal**: Il-maxtura, possibbilment tal-ġebel, bit-tiben.

**Kelma ta' Alla**: Luqa 2:6-7.

**Ġest**: Il-Bambin tal-Milied jgħaddi minn id għall-oħra u lkoll nagħtuh bewsa jew tgħanniqa. F'dan il-waqt titkanta l-isbaħ għanja tal-Milied, *Ninni, la tibkix iżjed.*

**Attwalizzazzjoni tat-tema**: F'xi ħin qabel l-omelija sa nippreparaw il-maxtura fejn sa npoġġu lil Ġesù Bambin. Xi persuni jersqu lejn l-altar u magħhom itellgħu maxtura tal-ġebel, tiben u ħrieqi. Hawnhekk jippreparaw il-maxtura. Ħdejn il-maxtura joqogħdu żewġ persuni lebsin ta' Marija u Ġużeppi. Wara li kulħadd ikun ħaddan lil Ġesù f'idejh, jasal ħdejn il-maxtura u jingħata f'idejn Marija li sa tpoġġih fil-maxtura.

**Għanja għal-lum**: Fuq tiben f'maxtura (din l-għanja tista' tindaqq bħala *background music* waqt il-preparazzjoni tal-maxtura).

---

**Oġġetti meħtieġa:**

- Silta: Lq 2:6-7.
- Għanja: Fuq tiben f'maxtura.
- Maxtura, tiben, ħrieqi…
- Żewġ persuni lebsin ta' Marija u Ġużeppi.

## 6.8. It-Tmien Jum — 22 ta’ Diċembru 2009

**Tema**: Ir-rgħajja u l-Maġi jiġu jifirħu lill-familja ta’ Ġesù, Marija u Ġużeppi.

**Skop**: Nifirħu, għax Alla sar bniedem u għammar fostna.

**Sinjal**: Nagħġa, deheb, inċens u mirra.

**Kelma ta’ Alla**: Luqa 2:8-21.

**Attwalizzazzjoni tat-tema**: Jitkanta s-Salm 136 mill-komunità kollha. Jista’ jsir bħala radd ta’ ħajr wara t-tqarbin. Kaxxa kbira mżejna bħala rigal titressaq lejn l-altar minn xi tfal. Tinfetaħ il-kaxxa u fiha għandu jkun hemm envelop kbir bi stedina mingħand Ġesù. Ġesù qed jistedinna lkoll biex dejjem inkunu ġenerużi u naħsbu fil-proxxmu tagħna. Fl-envelop ikun hemm ukoll biljetti b’xi oġġett miktub fuqhom (eż: xi *preserves*), biex jitqassmu lill-komunità miġbura, biex l-għada kulħadd joffri dak li kien hemm miktub fuq il-biljett li rċieva.

**Ġest**: Tfal sa jkunu lebsin ta’ anġli u sa jqassmu l-biljett li sibna fl-ittra mingħand Ġesù.

**Għanja għal-lum:** Aħna slaten li ġejjin.

---

**Oġġetti meħtieġa:**

- Silta: Lq 2:8-21.
- Għanja: Aħna slaten li ġejjin.
- Nagħġa, deheb, inċens, mirra.
- Kopji tas-Salm 136.
- Kaxxa kbira b’envelop bil-biljetti fih.
- Tfal lebsin ta’ anġli.

**Avviżi għall-għada:**

- Għada kulħadd iġib miegħu r-rigal li jsib miktub fil-biljett li ġie mqassam mill-anġli.

## 6.9. <u>Id-Disa' Jum — 23 ta' Diċembru 2009</u>

**Tema**: Marija u Ġużeppi immigrati fl-Eġittu.

**Skop**: Nilqgħu lill-barranin.

**Sinjal**: Ħorġa ma' ħatar.

**Kelma ta' Alla**: Mattew 2:7-15.

**Ġest**: Il-komunità tkun mitluba minn qabel biex iġġib magħha r-rigal li kien hemm miktub fuq il-biljett li tqassam il-ġurnata ta' qabel. Dawn ir-rigali sa jingħataw lil xi għaqda tal-karità jew xi familji fil-bżonn.

**Attwalizzazzjoni tat-tema**: Waqt l-Offertorju kulmin ġab xi rigal miegħu jersaq lejn l-altar u jpoġġi r-rigal fi qfief apposta.

**Għanja għal-lum**: It-tifel tat-tambur.

---

**Oġġetti meħtieġa:**

- Silta: Mt 2:7-15.
- Għanja: It-tifel tat-tambur.
- Ħorġa u ħatar.
- Qfief fuq l-altar biex fihom jitpoġġew ir-rigali għall-karità.

**Avviżi għall-għada:**

- Issir enfasi biex kulħadd jieħu sehem fil-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl.

## Talba ta' Santu Wistin: **Lilek biss inħobb, Mulej**

Lilek biss inħobb, Mulej,
warajk biss irrid nimxi.
Lilek biss irrid infittex,
u lilek biss irrid naqdi.
Nitolbok, Mulej,
ikkmandani dak li trid.
Irrid naqdik
bil-ferħ kollu ta' qalbi.
Għaliex mhux l-indiema,
imma l-imħabba qiegħda ssejjaħli lejk.
Agħmel, Mulej,
li nkun kapaċi nisma'
dak li int tixtieq minni.
Għinni ngħix dak li tikkmandani,
u kkmandani dak li trid.
Agħmel li nsibuk,
għax qabel ma nsibuk ma nistriħux.
Fik biss tinsab il-hena
u l-mistrieħ tagħna.
Int għamiltna għalik, o Alla,
u qalbna ma ssib qatt kwiet,
jekk ma tistrieħx fik.

## Ghanjiet li sa jitkantaw matul in-Novena

### Ejja, Mulej Ġesù

***Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.***
***Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.***

Fid-dinja qed tonqos il-paċi, inti l-paċi.
Ejja, Mulej Ġesù.

***Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.***
***Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.***

Id-dinja qed tfittex l-imħabba, inti l-imħabba.
Ejja, Mulej Ġesù.

***Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.***
***Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.***

Madwarek miġbura uliedek, biex jagħtuk qima.
Ejja, Mulej Ġesù.

***Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.***
***Ejja, Mulej Ġesù, id-dinja qed tistenniek.***

## Noel, Noel (Ġa kien wasal iż-żmien)

Ġa kien wasal iż-żmien li jitwettqu l-wegħdiet
u kulħadd kien jistenna l-jum tal-Milied.
Alla wiegħed Feddej li s-serp jisħaq bl-għarqub,
meta Adam ġewwa l-Għeden tebbagħna bid-dnub.

***Noel, Noel, Noel, Noel,***
***twieled ir-Re ta' Israel.***

Bħal Iżakk kien offrut, daqs Ġużeppi mibjugħ,
bħal Mosè mill-eżilju ġie jsalva kull ruħ.
U Danjeli b'ferħ kbir kien ħabbrilna l-jum,
Isaija: "Imnissel minn David ikun".

***Noel, Noel, Noel, Noel,***
***twieled ir-Re ta' Israel.***

Kristu twieled biex jgħaqqad il-ġnus mifrudin,
iħabbibhom ma' Alla, jagħmilhom henjin.
Glorja 'l Alla kull ħin, paċi fl-art lill-bnedmin,
ma' Marija u Ġużeppi, mal-ħbieb qaddisin.

***Noel, Noel, Noel, Noel,***
***twieled ir-Re ta' Israel.***

U Mikea żied jgħid: "Ġewwa Betlem ikun";
Gabrijeli: "Saltnatu għal dejjem iddum".
Isma' Ġwanni l-Għammied: "Ħejju triq il-Mulej,
għaliex ġa qiegħed magħkom l-Imwiegħed Feddej".

***Noel, Noel, Noel, Noel,***
***twieled ir-Re ta' Israel.***

## Dalwaqt jitwieled tfajjel żgħir

Dalwaqt jitwieled tfajjel żgħir,
tifel ċkejken ħafna. (x2)

***X'ser ikun jismu? Għimmanu-El.***
***X'ser ikun jismu? Għimmanu-El.***
***X'ser ikun jismu? Għimmanu-El.***
***Ejj', ejja, tifel żgħir.***

> Uri, uri, uri-i, ura,
> uri, uri, uri-i, ura-a. (x2)
> Uri, uri, uri-i, ura,
> pam, pam, pam, pam,
> pam, para, pam, pam.
> Ejj', ejja, tifel żgħir.

Ommu Marija qiegħda Betlem,
missieru mastrudaxxa. (x2)

***X'ser ikun jismu? Għimmanu-El…***

Il-fidwa mħabbra hi fil-qrib,
għax qorob il-Messija. (x2)

***X'ser ikun jismu? Għimmanu-El…***

Dalwaqt jitbiegħed dlam il-lejl,
id-dinja kollha tifraħ. (x2)

***X'ser ikun jismu? Għimmanu-El…***

**Here I am, Lord**

I, the Lord of sea and sky,
I have heard my people cry.
All who dwell in dark and sin,
my hand will save.
I who made the stars of night,
I will make their darkness bright.
Who will bear my light to them?
Whom shall I send?

***Here I am, Lord. Is it I, Lord?***
***I have heard you calling in the night.***
***I will go, Lord, if you lead me.***
***I will hold your people in my heart.***

I, the Lord of snow and rain,
I have born my peoples pain.
I have wept for love of them,
they turn away.
I will break their hearts of stone,
give them hearts for love alone.
I will speak my word to them.
Whom shall I send? ***Here I am, Lord. Is it I, Lord?…***

I, the Lord of wind and flame,
I will tend the poor and lame.
I will set a feast for them,
my hand will save
Finest bread I will provide,
till their hearts be satisfied.
I will give my life to them.
Whom shall I send? ***Here I am, Lord. Is it I, Lord?…***

## <u>Ħdejk jien ġejt, Mulej</u>

Jien tas-Sema u l-art is-sid,
smajt ta' ġensi d-dmugħ u l-krib.
Kulmin jgħix fid-dlam u d-dnub
neħilsu fis.
Jien li ħlaqt il-kwiekeb sbieħ,
dlam f'dawl nibdel minnufih:
Min se jwassal dan id-dawl?
Nibgħat lil min?

***Ħdejk jien ġejt, Mulej.***
***Lili trid, Mulej?***
***Leħnek smajtu fil-ħemda tal-lejl.***
***Jien immur fejn trid,***
***jekk tmexxini int,***
***f'qalbi ngħożż il-poplu l'int għażilt.***

Jien tal-ksieħ u s-sħana s-sid,
doqt l-uġigħ ta' ġens marid.
Għax ħabbejthom lilhom bkejt,
'ma tawni l-ġenb.
Qlubhom iebsa nibdel jien
u nkebbishom bin-nirien,
ngħidilhom dak li nixtieq.
Nibgħat lil min?

***Ħdejk jien ġejt, Mulej…***

## <u>O Ġesù, ħelwa tarbija</u>

***O Ġesù, ħelwa tarbija,***
***ejja twieled ġewwa fija.***
***Ġesù tfajjel, frott l-imħabba***
***twieled f'qalbi, miegħi trabba.***

O Re ħelu tal-imħabba,
il-qalb tiegħi bik tixxabba.
Ejja, o Alla, Feddej tiegħi,
istrieħ f'qalbi, oqgħod miegħi.

***O Ġesù, ħelwa tarbija…***

Kemm int ħelu, Ġesù tiegħi,
kemm nixtieq inħaddnek miegħi.
Ħarstek ħelwa tiddi b'dija
li l-qalb tiegħi b'ferħ timlieha.

***O Ġesù, ħelwa tarbija…***

Ġesù ħelu, kemm inħobbok,
bl-akbar għożża qalbi żżommok.
Il-qalb tiegħi ħeġġiġhieli,
ħudha kollha, qaddishieli.

***O Ġesù, ħelwa tarbija…***

Narak tninni f'dik in-nieqa
ninsa għal kollox kollha d-dieqa,
nistħajjilni ġa fil-Ġenna,
bik nitgħaxxaq u nithenna.

***O Ġesù, ħelwa tarbija…***

## Kemm għandna ferħ ġo qalbna

***Rit.*** Kemm għandna ferħ ġo qalbna
dalwaqt ġej il-Bambin.
Kemm għandna ferħ ġo qalbna
bilġri jasal dak il-ħin.

Marija u Ġużeppi
it-tnejn ifittxu l-għar
mis-sema fih ser jinżel
Alla li bniedem sar. ***Rit.***

Nisimgħu leħen l-anġli
fi qtajja' ta' mijiet
iħabbru l-miġja fostna
tagħna r-Re tar-rejiet. ***Rit.***

Naraw il-bhejjem ħiemda
li jwennsu dak il-għar
il-baqra u l-ħmara
li nashom issa tar. ***Rit.***

Joqorbu qegħda r-rgħajja
bil-merħla tan-ngħaġiet
fid-dlam tal-lejl li jsebbaħ
il-kwiekeb tas-smewwiet. ***Rit.***

U x'ngħidu wkoll għall-Maġi
li jaslu wisq mill-bogħod
biex lit-Tarbina d-doni
joffru bil-mod il-mod. ***Rit.***

## Fuq tiben f'maxtura

Fuq tiben f'maxtura, fost bhejjem ġo għar,
imgeżwra fi bċejjeċ ta' ħrieqi wisq fqar,
hemm ċkejkna tarbija ta' ħlewwa bla qies,
ta' ħlewwa tas-sema li tgħaxxaq in-nies.

Min ġiegħlek, tarbija, titwieled hawnhekk
biex tibda minn issa tinħaqar daqshekk?
Kif ebda qalb waħda ma nstabet li tħenn
biex f'rokna ta' kmajra toffrilek ftit kenn?

O, ejja f'din qalbi, hawn ġew ħa tistrieħ,
ħa tisħon mir-reżħa u tinsa l-uġigħ.
Din qalbi wisq tħobbok, o ħelu Bambin,
wisq tħobbok u tgħożżok, bik mgħaxxqa kull ħin.

Berikni, nitolbok, o twajjeb Ġesù,
ħa nogħġbok u nferrħek bil-ġmiel tal-virtù.
U rroddlok tpattija għall-morr tad-dnubiet
li jkexkxek wisq iżjed mill-bard tal-Milied.

## Aħna slaten li ġejjin

Aħna slaten li ġejjin
bir-rigali mgħobbijin
minn triq twila 'l bogħod ħafna
wara l-kewkba mexjin.

***Rit.*** Oh, Oh Kewkba tiddi bħalek m'hemmx
kewkba ħelwa kollok ġmiel
dejjem imxi t-triq urina
lejn l-għar ħelu tal-Bambin.

F'Betlem twieled Ġesù Bambin
deheb jien ġibt mill-iżjed fin
għaliex inti r-re setgħan
tas-sema u tal-art. ***Rit.***

Inċens għandi jien għalik
sabiex lilek nagħti ġieħ
Ġieħ u glorja u foħrija
lil Alla l-ħallieq. ***Rit.***

Jiena mirra ser nagħtik
għax tbati għall-bnedmin
sabiex lilna inti tifdi
u terġa' ttina s-sliem. ***Rit.***

**It-tifel tat-tambur**

Mur, qaluli, parapapampam
ħdejn is-sultan divin parapapampam
li twieled f'dan il-ħin parapapampam
tfajjel ċkejken bambin parapapampam

Rapapampam, rapapampam
Xi rigal sabiħ parapapampam
inġib għalih.

Tfajjel, għedtlu, parapapampam
int taf li jiena fqir parapapampam
m'għandix rigal x'nagħtik parapapampam
sabiex qima nurik parapapampam

Rapapampam, rapapampam
Tridx indoqqlok ftit parapapampam
bit-tamburlin?

Ommu tbissmet parapapampam
u għajnejha mtlew bid-dmugħ parapapampam
waqt li t-tambur għalih parapapampam
daqqejt fil-bard u l-ksieħ parapapampam

Rapapampam, rapapampam
Deher li ħa pjaċir parapapampam
bit-tamburlin.

# 7. ĊELEBRAZZJONI TAL-KELMA TA' ALLA U STQARRIJA TAL-FIDI

## *"Il-Verb sar bniedem u għammar fostna"*

**Ċelebrazzjoni għall-Adolexxenti fi żmien il-Milied (wara l-25 ta' Diċembru)**

| |
|---|
| <u>Materjal meħtieġ</u>:<br>1. Statwa ta' Ġesù tarbija jew presepju<br>2. Xemgħa għal kull parteċipant |

**1. Kant**

**2. Tislima tal-bidu**

*<u>Ċelebrant</u>:*
Fl-isem tal-Missier…

Il-Kelma ta' Alla tgħammar f'qalbna biex inkunu nistgħu naqdu 'l-Mulej bil-ferħ.

Nitolbu:
Mulej Alla tagħna, inti ma ridtx tgħammar biss fis-smewwiet,
imma wkoll fostna hawn fl-art.
Inti ma ridtx tkun biss Alla,
imma ridt issir bniedem bħalna f'kollox barra mid-dnub.
Permezz ta' Ġesù Kristu, Ibnek l-għażiż,
inti tajtna lilek innifsek biex aħna nsiru lkoll uliedek.
Agħmel li aħna nkunu l-poplu tiegħek, poplu jistenniek iżżuru, bil-bibien miftuħa,
poplu miġbur madwar il-mejda tal-Kelma tiegħek u tal-Ġisem ta' Ibnek l-għażiż,
li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

*<u>Flimkien</u>:* Amen.

**3. Kliem il-Papa Ġwanni Pawlu II** *(tinqara)*
*(mill-Messaġġ għall-15-il Jum Dinji taż-Żgħażagħ — Ġublew 2000)*

*<u>Animatur</u>:*
Issa sa nisimgħu silta mill-messaġġ li l-Papa kien bagħat liż-żgħażagħ Kattoliċi biex iħejjihom għall-Ġublew il-Kbir taż-Żgħażagħ li sar f'Ruma, f'Awwissu 2000. F'dan il-messaġġ il-Papa jitkellem fuq il-ġrajja tal-Inkarnazzjoni u tat-twelid ta' Ġesù, Alla li sar bniedem bħalna.

*<u>Qarrej</u>:*
Għeżież, dak li jagħżel il-fidi Nisranija mir-reliġjonijiet l-oħra kollha hu ċ-ċertezza li l-bniedem Ġesù ta' Nazareth hu l-Iben ta' Alla, il-Verb magħmul bniedem, it-Tieni Persuna tat-Trinità li ġie fid-dinja. Alla, dak li ma jidhirx, huwa ħaj u preżenti fil-persuna ta' Ġesù, Iben Marija, it-*Theotokos*, Omm Alla. Ġesù ta' Nazareth hu Alla

magħna, l-Għimmanu-El: min jaf lilu jaf lil Alla, min jara lilu jara lil Alla, min jimxi warajh jimxi wara Alla, min jingħaqad miegħu jingħaqad ma' Alla. F'Ġesù, li twieled Betlehem, Alla jgħannaq l-umanità miegħu, jersaq qrib il-bniedem, u jwaqqaf patt mal-bnedmin kollha…

Inġedded l-istedina ħerqana tiegħi biex tiftħu beraħ il-bibien tagħkom għal Kristu, li ta lil dawk li jirċevuh il-qawwa li jsiru wlied Alla. Tilqa' lil Ġesù jfisser tilqa' mingħand il-Missier il-kmand li tgħix fl-imħabba tiegħu u tal-aħwa kollha; ifisser temmen li fl-istorja tal-bnedmin, anki jekk hi mmarkata bil-ħażen u bit-tbatija, l-aħħar kelma hi waħda ta' mħabba u ħajja, għaliex Alla ġie jgħammar fostna biex aħna nkunu nistgħu ngħammru fih.

Bl-Inkarnazzjoni tiegħu Kristu ftaqar, biex bil-faqar tiegħu nistagħnu aħna, u tana l-fidwa, li hi fuq kollox il-frott tad-demm li hu xerred fuq is-salib…

Għeżież, quddiem il-misteri kollha tal-ħajja ta' Kristu, tgħallmu erfgħu qlubkom f'ħarsa ta' kontemplazzjoni. Ieqfu u ħarsu mistagħġba lejn it-tarbija li Marija ġabet fid-dinja, fisqietha u poġġietha f'maxtura: dik it-tarbija hi Alla nnifsu li ġie fostna.

## 4. Tinxtegħel ix-xemgħa tal-adolexxenti

<u>*Animatur:*</u>
Kristu hu d-dawl tagħna. Bil-miġja tiegħu bħala bniedem Kristu dawwal il-wiċċ ta' kull bniedem. Inżommu x-xemgħa tixgħel f'idejna, b'sinjal tad-dawl li ġabilna Kristu bit-twelid tiegħu.

- *Tinxtegħel ix-xemgħa: l-adolexxenti jżommuha f'idejhom sa tmiem il-vanġelu.*

## 5. Kant: Hallelujah

## 6. Qari

<u>Qari mill-Evanġelu skond San Ġwann</u> (1:1-5,9-14,16,18)

- *L-adolexxenti jżommu x-xemgħa mixgħula f'idejhom.*

Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla, u l-Verb kien Alla. Hu kien fil-bidu ma' Alla. Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; kulma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin. Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux.

Hu d-dawl veru, li jdawwal kull bniedem, huwa u ġej fid-dinja. Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih, imma d-dinja ma għarfitux. Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx. Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux bid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla.

U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità.

Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna grazzja fuq grazzja.

Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier.

*Il-Kelma tal-Mulej. / Tifħir lilek, Kristu.*

- *Fi tmiem il-vanġelu x-xemgħa titqiegħed f'forma ta' qalb quddiem ix-xbieha ta' Ġesù tarbija (jew quddiem il-presepju).*

## 7. Riflessjoni

- *Iċ-ċelebrant għandu jagħmel enfasi fuq il-ġrajja tal-Inkarnazzjoni u t-twelid tal-Iben ta' Alla, it-Tieni Persuna tat-Trinità, li hi waħda mill-veritajiet fundamentali tal-fidi Nisranija. Din il-ġrajja mhux biss ġabet bidla fl-istorja tad-dinja, imma hi fuq kollox ġrajja li tipprova ġġib bidla fil-qalb ta' kull persuna.*

## 8. Mument ta' skiet u riflessjoni personali

## 9. Stqarrija tal-fidi: il-Kredu tal-Appostli *(flimkien)*

Jiena nemmen f'Alla, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art.
U f'Ġesù Kristu, Ibnu wieħed, Sidna, li kien ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu u twieled minn Marija Verġni,
bata taħt il-ħaqq ta' Ponzju Pilatu, sallbuh, miet u difnuh,
niżel fil-Limbu,
fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet,
tela' fis-smewwiet u qiegħed in-naħa tal-lemin ta' Alla l-Missier li jista' kollox.
Minn hemm għandu jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin.
Nemmen fl-Ispirtu s-Santu,
fil-Knisja Mqaddsa Kattolika,
fix-xirka tal-qaddisin,
fil-maħfra tad-dnubiet,
fil-qawma mill-imwiet,
fil-ħajja ta' dejjem.
Amen.

## 10. Talba litanika

- *Għal kull invokazzjoni nwieġbu:* ***Nirringrazzjawk talli ġejt fid-dinja***.

*Qarrej 1:*
Kristu, Iben ta' Alla l-ħaj…
Kristu, mibgħut mill-Missier…
Kristu, li sirt bniedem għalina…
Kristu, veru Alla u veru bniedem…
Kristu, li twelidt minn xebba…
Kristu, feddej tal-bnedmin kollha…
Kristu, milqugħ mill-foqra u l-umli…
Kristu, meqjum mill-Maġi…
Kristu, imħabbar mill-profeti…
Kristu, mistenni mill-ġnus…

*Qarrej 2*:
Kristu, li dħalt fl-istorja tagħna…
Kristu, rigal tal-imħabba ta' Alla…
Kristu, prinċep tas-sliem…
Kristu, li ġejt iżżurna bħax-xemx tielgħa…
Kristu, li ddawwal id-dlamijet tal-lejl…
Kristu, li ġeddidt id-dinja…
Kristu, li wrejtna lill-Missier…
Kristu, xbieha ta' Alla li ma jidhirx…
Kristu, li bik sar kollox…
Krsitu, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha…

*Qarrej 3*:
Kristu, li ħadt in-natura ta' lsir…
Kristu, li ċċekkint sal-mewt tas-salib…
Kristu, li tajtna l-maħfra tad-dnubiet…
Kristu, li għarraftna l-misteru tar-rieda ta' Alla…
Kristu, il-kbir li qomt mill-imwiet…
Kristu, li waqqaft is-Saltna ta' Alla…
Kristu, li permezz tiegħek niltaqgħu ma' Alla…
Kristu, ċentru u milja tal-istorja…
Kristu, li ġibt tama ġdida fid-dinja…
Kristu, li fik biss hemm salvazzjoni…

## 11. Kant: Missierna

## 12. Talba tal-aħħar miċ-ċelebrant

Nitolbu:
O Alla, int nżilt mis-smewwiet u għammart fostna,
u aħna ta' kull sena nagħmlu t-tifkira
tat-twelid ta' Ibnek bħala bniedem;
agħmel li nifthu beraħ il-bibien ta' qalbna
biex jidħol fina d-dawl ta' Kristu Ibnek,
li ġie jżurna mill-għoli bħax-xemx tielgħa.
Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
Amen.

## 13. Kant

- *Suġġeriment: Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni tista' tingħad it-talba tal-Angelus quddiem il-presepju, liema talba tfakkarna fil-misteru tal-Inkarnazzjoni u tat-twelid ta' Kristu.*

# 8. MEDITAZZJONI QUDDIEM IL-PRESEPJU

## *"L-għaġeb u r-rieqed"*

### Attività għat-tfal

*Il-lingwaġġ jiġi adattat skond l-età. Iċ-ċelebrazzjoni tista' ssir meta jitħejja l-presepju.*

| |
|---|
| Materjal meħtieġ:<br>1. Presepju (bħala *setting*).<br>2. Żewġ pasturi: l-għaġeb u r-rieqed. |

**1. Kant**

**2. Qari (silta tal-Milied)**

**3. Meditazzjoni**

**a. L-Għaġeb tal-Presepju**

L-għaġeb tal-presepju jgħallimna nistagħġbu. Waqt li l-oħrajn kienu għall-affari tagħhom hu nduna x'kien qed jiġri u stagħġeb.

Xi jfisser tistagħġeb? Ifisser tibqa' mmeraviljat bis-sbuħija jew bil-kobor ta' xi ħaġa. Ma tkunx kapaċi tlissen kliem, għax ma tkunx taf x'sa tgħid.

X'kellu jistagħġeb? Kulma ra kienet tarbija ma' ommha. Ma qagħadx jaħseb: "Tinżel tadura tarbija? Tmil quddiem tarbija tat-twelid?".

- Kieku kont int minfloku, kont tinżel tadurah? Kont, bla ma taħsibha darbtejn, bla ma tħares madwarek lejn min qed iħares lejk, tinżel b'wiċċek mal-art quddiem tarbija li għadha ma taf xejn? Kont tistagħġeb?

**b. Ir-Rieqed**

Ir-rieqed: dan l-aħjar! Qed jiġru affarijiet kbar, straordinarji, taħt imnieħru u ma ndunax! Baqa rieqed!

- Int rieqed? Taf x'qed jiġri madwarek? Taf li sa jitwieled il-Mulej? Taf x'irid minnek il-Mulej?

Mela għax għandna nistagħġbu? Għax għandna nqumu min-ngħas tagħna? X'inhu l-Milied?

## ċ. Il-Milied

- *Din is-silta tista' tinqara minn diversi.*

Il-Milied hu:
*Festa tal-Imħabba*: Alla kitbilna l-isbaħ ittra ta' mħabbtu lejna.
*Festa tal-Umiltà*: Ara l-Iben ta' Alla fiex wassal lilu nnifsu.
*Festa tal-Bnedmin*: Il-Ħallieq ta' kollox isir bniedem bħalna f'kollox barra d-dnub.
*Festa tas-Silenzju*: Kollox jintiseġ fil-ħemda tal-lejl, f'belt ċkejkna.
*Festa ta' Ġenerożità*: Alla jagħtina lil Ibnu l-Waħdieni.
*Festa tal-Faqar*: "…Ma sabux post għalihom fil-lukanda".
*Festa tal-Imwarrbin*: L-ewwel mistednin tiegħu kienu r-rgħajja fqajrin.
*Festa tat-Trabi*: L-iben l-aktar għoli daħal fid-dinja tarbija tat-twelid.
*Festa tal-Ommijiet*: Il-Verġni saret omm u wildet iben.
*Festa tal-Paċi*: "Paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba".
*Festa tal-Emigranti*: Alla twieled fi stalla tal-annimali.
*Festa tal-Ubiddjenza*: Ġie fostna biex jobdi minn qalbu l-pjan tal-Missier.
*Festa tas-Salvazzjoni*: "Ismu jkun Ġesù, li jfisser: 'Il-Mulej isalva'".

Il-Milied hu l-istorja tal-għaġeb ta' kemm Alla ħabb id-dinja, hekk li bagħat lill-Iben tiegħu l-waħdieni biex kulmin jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem.

## *d. Infittxu lil Ġesù*

Issa aħna? X'ifisser dan għalina llum? Kif sa nistagħġbu? Kif sa nqumu min-ngħas tagħna?

Storja ħelwa tirrakkonta li Ġesù dan il-Milied ġej Għawdex. Kien hemm min ħareġ idur u jfittex biex jara jsibux. Fittxewh kullimkien: fil-ħwienet, fit-toroq, fl-irħula, fil-bliet, fir-ristoranti. Imma kollu għalxejn. Iżda ma sabuhx għax ma fittxewhx sew. Kieku marru fost il-batuti, il-foqra, l-imwarrbin, kieku żgur kienu jsibuh. Nisimgħu din l-istorja.

- *Din il-poeżija tista' tinqara (alternata) minn xi ħadd li jaf jaqra tajjeb.*

1) Hekk qalu…
li fil-Milied li ġej,
Kristu Ġesù l-Mulej
sa jżurna.
Hekk qalu!
Li bħal fl-ewwel Milied
se jinżel mis-smewwiet…
ġo Għawdex.

2) Bħar-rgħajja,
xi persuni twajbin
dlonk sabu ftit tal-ħin
u telqu.
Iterrqu
b'rigali mgħobbijin
ifittxu lill-Bambin
f'kull rokna.

3) U qalu:
bħalissa Ommu żgur
ir-Rabat qed iddur,
u tfittex
biex tixtri
gażaża u flixkun,
kalzetti u żarbun
għal Binha.

4) U daħlu
fil-ħwienet mixgħulin
lussużi w imżejnin
jistaqsu.
'Ma 'l Kristu
f'daw' l-ħwienet ma sabuhx,
fit-toroq ma lemħuhx.
U marru.

5) Għax qalu:
“Dak mela tah il-ġuħ.
Taf fejn forsi nsibuh?
F’xi ikla”.
U żaru
l-ħafna postijiet
fejn isiru l-ikliet,
bit-tama,

6) li jsibu
lill-Omm u lill-Missier
ma’ Binhom il-waħdien
qed jieklu.
’Ma ’l Kristu
hawnhekk lanqas lemħuh,
baqgħu bla ma sabuh,
jaħasra!

7) Fittxewhom
f’lukandi w flattijiet,
fl-irħula u fl-ibliet,
f’kull rokna.
Minkejja
li daru kullimkien
Kristu ma kien imkien
f’dil-gżira.

8) ’Ma forsi
dawn baqgħu ma sabuhx
għax sewwa ma fittxuhx
lil Kristu.
Li kieku
fittxewh qalb dawk in-nies
li tbatija bla qies
isofru,

9) bla dubju
żgur kienu jsibuh
fil-qalb ta’ kull miġruħ
lil Kristu.
Jall’aħna
f’dan il-Milied li ġej
insibu lill-Mulej
madwarna.

Lil Ġesu rridu nsibuh madwarna, fil-proxxmu fil-bżonn, f’dawk li qed ibatu, fil-familja tagħna, fi sħabna, fit-tabernaklu. U nfittxuh u nsibuh għax għandna bżonnu! Lil Ġesù li twieled fil-grotta ta’ Betlehem elfejn sena ilu aħna għad għandna bżonnu llum. Għandna bżonnu kuljum.

## 4. Ftit ħin ta’ skiet biex issir ir-riflessjoni personali (tista’ tintuża ftit *background music* adattata)

- *L-animatur jipprova jiggwida lit-tfal biex ikomplu jaħsbu fuq xi ħaġa partikulari li tkun qanqlet il-kurżità intellettwali tagħhom.*

## 5. Kant

- *Isir* sharing *tar-riflessjonijiet personali. L-animatur jipprova jgħin lill-parteċipanti jaqsmu ma’ sħabhom anki riflessjoni żgħira fuq dak li għadda minn moħħhom.*

## 6. Proponimenti

- *Il-parteċipanti wieħed wieħed jiġu megħjuna jagħmlu proponiment biex jgħixu aħjar it-tħejjija għall-Milied, permezz ta’ xi mistoqsijiet:*
  - “X’sa nagħmel quddiem il-Kelma ta’ Alla li smajt?”.
  - “Kif nista’ nwieġeb għall-imħabba ta’ Ġesù li ġej?”.

  *L-animatur jipprova jistimola tweġiba personali. Il-proponiment għandu jservi biex il-meditazzjoni li tkun saret tqanqal għal azzjoni żgħira favur Ġesù u*

*timbotta għal pass 'il quddiem fil-ħajja spiritwali. Jekk l-animatur iħoss li jkun possibbli, it-tfal jistgħu jaqsmu flimkien il-proponimenti li jkunu għamlu.*

## 7. Talbiet tal-komunità

- *Dawn it-talbiet għandhom isiru spontanji, mibnija fuq ir-riflessjonijiet li jkunu saru. Jistgħu jkunu talbiet ta' tifħir, ta' radd il-ħajr jew ta' interċessjoni. L-animatur jista' jiddeċiedi li dan l-aħħar mument ta' talb isir quddiem it-tabernaklu, biex jgħin lit-tfal jgħaddu mis-"sinjali" tal-preżenza ta' Kristu għall-preżenza tiegħu fl-Ewkaristija.*

## 8. Kant

## 9. KTIEB TAN-NOVENA GĦAT-TFAL

**Sussidju għat-tfal tal-ewwel tliet snin tal-Katekeżi**

# Ktieb tan-Novena 2009




Isem: ________________________________

Klassi: ________________________________

Persunaġġi li niltaqgħu magħhom fi żmien il-Milied:

- Anġlu
- Marija
- Ġużeppi
- Ħmara
- Ġesù
- Rgħajja
- Slaten Maġi



L-anġlu Gabrijel deher lil Marija u qalilha li ser ikollha iben u ssemmih Ġesù.

Waqt li Ġużeppi kien rieqed, kellmu l-anġlu tal-Mulej fuq Marija u Ġesù.



GLORJA LIL ALLA FL-GĦOLI TAS-SMEWWIET,
U PAĊI FL-ART LILL-BNEDMIN TA' RIEDA TAJBA.



L-anġlu tal-Mulej deher ukoll lir-rgħajja li kienu fl-għalqa jindukraw il-merħliet tagħhom. Hu qalilhom li f'Betlehem kien għadu kemm twieled is-Salvatur, li huwa Ġesù.

Meta dehrilha l-anġlu u qalilha li hi kellha tkun Omm Alla, Marija mill-ewwel qaltlu:





Ġużeppi wkoll sema' milli qallu l-anġlu tal-Mulej. Hu ħa lil Marija b'martu u aċċetta li jkun il-Missier putattiv ta' Ġesù.



Ix-xogħol ta' Ġużeppi kien ta' mastrudaxxa.

Meta beda jikber, Ġesù kien jieħu gost jgħin lil Ġużeppi fil-ħanut tiegħu.

Ġużeppi u Marija kellhom imorru vjaġġ twil minn Nazareth sa Betlehem. Dan biex jinkitbu fiċ-ċensiment ta' Ċesari Awgustu. Kienet ĦMARA li ġarret lil Marija tul dan il-vjaġġ twil u ta' tbatija. Marija kien fadlilha biss ftit żmien biex jitwieled Ġesù.



X'xorti kellha dik il-ħmara li ġarret lil Ġesù u saħħnitu fl-għar bin-nifs tagħha, malli twieled!



Għalkemm kien Sultan, Ġesù għażel li jitwieled fil-faqar fuq tiben f'maxtura ġewwa għar f'Betlehem.

Ġesù kiber u beda jgħallem lin-nies fuq l-imħabba kbira li għandu Alla l-Missier għalina. Ġesù kellu mħabba speċjali għat-tfal.





Ir-rgħajja kienu l-ewwel nies li semgħu bit-twelid ta' Ġesù. Għalhekk kienu wkoll l-ewwel nies li marru jadurawh. Min jaf x'ferħ ħassew dakinhar!

Din il-ġrajja turina li Ġesù ġie fid-dinja għalik, għalija u għal kulħadd: għas-sinjur u għall-fqir, għall-bojod u għas-somor, għall-bravi u għal dawk ftit inqas bravi; insomma, Ġesù ġie fid-dinja għal kulmin irid ikun ħabib tiegħu.



Il-Maġi kienu nies għorrief li jistudjaw il-kwiekeb. Huma ndunaw li l-kewkba li dehret meta twieled Ġesù kienet waħda speċjali. Għalhekk imxew magħha sakemm wasslithom ħdejn Ġesù. Huma aduraw lil Ġesù u offrewlu deheb, inċens u mirra bħala rigali. Tgħid għaliex?

- Id-deheb għax kien Sultan.
- L-inċens għax kien Alla.
- Il-mirra għax kellu jbati.



*HAPPY BIRTHDAY*, ĠESÙ!

## WERREJ


Kelmtejn qabel .......................................................................... 1

1. Is-saċerdozju tat-Testment il-Qadim (Mons. Lawrenz Sciberras) ..................... 2

2. Is-saċerdozju ta' Kristu fl-Ittra lil-Lhud (Dun Anton Mizzi) ..................... 6

3. Lectio Divina fuq Lhud 4:14—5:10 (Kan. Joseph Sultana) ..................... 17

4. Il-Qari tal-Ħdud tal-Avvent .......................................................................... 21

5. Għajnuna għall-Omelija tal-Ħdud tal-Avvent (Kan. Joseph Sultana) ......... 22

6. Novena tal-Milied (Dun Anton Teuma) .......................................... 30

    6.1. Talba ta' Santu Wistin .......................................................................... 40

    6.2. Għanjiet matul in-Novena .......................................................................... 40

7. Ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla u Stqarrija tal-Fidi għall-Adolexxenti (KDŻ).. 47

8. Meditazzjoni għat-tfal quddiem il-Presepju (Ivan Farrugia) ..................... 51

9. Ejja, Mulej Ġesù — Ktieb tan-Novena għat-Tfal tal-ewwel tliet snin tal-katekeżi (Katekisti Parroċċa Kerċem) .......................................... 55